*"MATRIX TOTIUS INSULÆ"*

A.D. 60 — 1960.



TAL-FESTI LI SARU FIR-RABAT
FL-OKKAZJONI TAL-FESTI CENTINARJI
TAN-

# NAWFRAGJU TA' SAN PAWL

U TAD-

# DSATAX-IL MITT SENA TAL-FONDAZZJONI TAL-KNISJA TA' SAN PAWL MATRICI U PROTO-PARROKKJALI TA' MALTA

BHALA TIFKIRA LI TIBQA'
GHAL DAWK LI GHAD JIGU WARAJNA
LILL-BENEFATTURI U LILL-HBIEB
IL-KUMITAT
DAN IL-KTIEB JOFFRI



# Gieves
LIMITED

*Tailors · Hatters · Hosiers*

**55 OLD BAKERY STREET, VALLETTA, MALTA**
Telephone: CENTRAL 4405

*BRANCHES: London - Portsmouth - Southampton - Plymouth - Chatham Liverpool - Weymouth - Bath - Bournemouth - Edinburgh - Londonderry - Gibraltar*



Il-Q.T. Papa Gwanni XXIII



L-Emm. T. Kardinal Muench
*Legat tal-Papa.*



L-Eċċ. T. Mons. Michael Gonzi
*Arċisqof ta' Malta.*



Il-W.R. Dun Pawl Attard
*Kappillan tal-Proto-Parroċċa.*



*Is-Santwarju Nazzjonali tal-Grotta li fiha ġiet imwaqqfa l-Knisja Maltija minn San Pawl fis-sena A.D.* **60.**

# ID-DSATAX-IL CENTINARJU TAL-FUNDAZZJONI TAL-KNISJA MATRICI U PROTO-PARROKKJALI TA' MALTA "SAN PAWL BARRA S-SWAR", IR-RABAT.

## A.D. 60 — A.D. 1960.

*Minn Nutar F. CATANIA*

SKOND il-vera u kostanti tradizzjoni miġjuba mill-aħjar u l-ikbar storiċi Maltin u barranin, u mill-kommentaturi ta' l-Atti Apostoliċi, fit-tliet xhur li l-Appostlu Missierna San Pawl dam fil-gżira tagħna, għażel GĦAR fil-foss tal-belt l-antika Melita, biex fih jiġbor l-ewwel fidili, igħallimhom il-misteri tar-reliġjon, igħammidhom u jifraq magħhom il-Ħobż ta' l-Anġli, u hemm istitwixxa *l-Ewwel Knisja ta' Malta u kkonsagra lil San Publju bħala l-Ewwel Isqof ta' Malta.*

Fost l-istoriċi li semmejna nsibu: Rocco Pirro ("*Sicilia Sacra*" — 1611); Dr. M. A. Asciak ("*Della Nuova e Grandissima Devozione ecc.*" — 1616); Cajetani ("*Isag ad Hist. Sicil.*" — 1615); Pad. Girol. Manduca ("*Vita S. Publio*" mss. — 1648); Gio. F. Abela ("*Malta Illustr.*" — 1646); Niedersted ("*Melit. Vetus et Nova*" — 1660); G.F. Bonamico ("*Gaudia Melitensis*" — 1666); Pad. Pelagio ("*Vita di San Publio*" — 1775); Can. G.G. Testaferrata ("*Dissert. Stor. Critica di S. Publio*" — 1777); Conte Ciantar ("*Malta Illustr.*" — 1780 u "*Critica dei Critici*" — 1788); Mons. O. Bres ("*Malta Antica Illustr.*" — 1816); Dr. R. Zerafa ("*Memoria della Tempesta del 1313*" — 1843); Can. Gatt Said ("*La Grotta di San Paolo*" — 1868 u "*Risposta al Can. V.P. Galea*" — 1868); Mongitore ("*Sicil. Sacra*" — 1788).

Ma' dak li kitbu dawn l-istoriċi nistgħu nżidu, barra dak li nsemmu aktar 'il quddiem, dak li qalu l-Kanonċi tal-Kattidral fl-1617 u li jinsab irreġistrat fl-Atti Kapitolari ta' l-istess Knisja, jiġifieri li: "*Il-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl hija l-bażi u l-pedament tal-Veskovat, tal-Kattidral u tal-Kanonikati*", u espressjonijiet oħra bħal dawn; u fil-prokura li għamlu fl-atti tan-Nutar Andrea Allegritto biex jagħmlu kawża Ruma rreġistraw dan il-kliem: "*Dicta Sancta Crypta cum sit vere fundamentum Cathedralis Ecclesiae a qua etiam dependit Episcopatus hujus Dioecesis Melitevane.*"

U billi sas-sena 313 ma kienx permess lill-insara li jibnu knejjes pubbliċi, dan il-GĦAR illi l-lum insibuh taħt l-isem ta' "*Il-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl*" sa din is-sena 313 baqa' l-uniku knisja fejn kienu jinġabru l-insara Maltin. Iżda, billi sa dak iż-żmien in-numru tal-fidili kien kiber sewwa, appena fl-imsemmija sena 313 l-Imperatur Kostantinu bl-Editt ta' Milan ta l-libertà lill-insara għall-kumdità tagħhom inbniet knisja fil-beraħ magħquda ħaġa waħda mal-Grotta, u saret il-PROTO-PARROKKJALI, il-KATTIDRALI, u l-MATRIĊI tal-KNEJJES kollha ta' Malta.

Hekk hu l-Oriġini tal-Knisja ta' San Pawl, barra s-swar, tar-Rabat.

Din it-tradizzjoni baqgħet sħiħa sa l-1617 u ġiet ikkonfermata bir-relazzjoni li l-Isqof kien bagħat lis-Santa Sede f'din is-sena, meta Beneguas irnexxielu jieħu taħt idejh il-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl u ttrasferiha taħt il-kura u l-ħakma tal-Gran Mastru ta' Malta. F'din l-okkażjoni l-Isqof irrelata: "*Ab antiquissimo tempore citra Sancta Crypta Sancti Pauli nuncupata posito in suburbio sive Rabbato Civitatis Notabilis Insulae Melivetanae in honorem Gloriosi Apostoli, qui inibi permansit universaliter apud omnes in maxima semper extitit et adhuc extat veneratione;*

# LUXOL
## (Enamel Paint)

**One coat covers ANY colour**

* QUICK DRYING
  4-6 HOURS — TOUCH DRY
* EASY APPLICATION
  PERFECT FLOW — NO UNSIGHTLY BRUSH MARKS
* MIRROR LIKE GLOSS
  WHICH LASTS FOR YEARS EVEN OUTSIDE
* WASHABLE and SCRUBBABLE
* NON FADING
  HIGH-GRADE PIGMENTS ENSURE COLOUR RETENTION
* NON BLOOMING
  MANY GLOSS PAINTS HAZE OR BLOOM — LUXOL DOES NOT
* 24 INTERMIXABLE COLOURS

*Sole Agents:*

**JOSEPH FALZON & SONS**

ST. GEORGE'S IRONMONGERY STORES

**66, ST. PAUL'S STREET, VALLETTA.**

AGENTS FOR BRITISH PAINTS LTD.

WHOLESALE & RETAIL

*Insist always on British Paints Products*

**PHONE: 25966.**

*istaque Crypta fuit et est PAROCHIALIS ET MATRIX, cum coemeterio et devotorum sepulchris, ac ex PERPETUA seniorum traditione usque in praesens tempus reputatur alias fuisse CATHEDRALIS AD LOCUM UBI NUNC ADEST INDE TRANSLATA PROPTER IMMINENTIA PERICULI INCURSUS BARRARORUM HOSTIUM. Teneturque communiter ex antiquioribus Ecclesias ipsius Civitatis in qua fons baptismalis extitit et duravit prout Sacramentorum administratio, etiam benedictionis matrimoniorum continuavit usquequo ad majorem populi illic confluentis commoditatem aliis de causis fuit super Chrypta ipsa deinde supraedificata formalis Ecclesia Magna sub eodem titulo S. Pauli".*

Tifsira: (Mill-ibgħat żminijiet 'il hawn 'il hekk imsejħa Grotta Mqaddsa ta' San Pawl qiegħda fis-Subborg jew RABAT tal-Belt Notabile tal-Gżira ta' Malta, ad unur tal-Glorjuż Appostlu Pawlu li hemm qagħad, ma' kullimkien u ma' kulħadd dejjem kienet u għadha miżmuma bl-akbar venerazzjoni; l-istess Grotta kienet u hija PARROKKJALI U MATRIĊI, biċ-ċimiterju u l-oqbra tad-devoti, u skond il-perpetwa tradizzjoni tax-xjuħ saż-żmien tal-lum hija miżmuma li kienet Kattidral ieħor trasferit fil-lok fejn jinsab il-lum minħabba l-periklu imminenti ta' l-invażjoni mill-għedewwa barbari. Hija komunement ukoll miżmuma bħala waħda mill-knejjes l-aktar Antiki ta' l-istess belt, u fiha kien hemm u dam il-fonti tal-magħmudija biex jiġu amministrati s-Sagramenti kif ukoll it-tberik taż-żwieġ, u dan kollu baqa' jissokta sakemm għall-kumdità tal-poplu li hemm kien jinġabar u għal kawżi oħra nbniet Knisja formali u wisq kbira taħt l-istess isem ta' San Pawl).

Dan jaqbel ukoll ma' dak li l-kbir Kommentatur ta' l-Atti Apostoliċi, l-Alapide, fuq dak li qalulu skond it-tradizzjoni Patrijiet għorrief, ħalla miktub: "*Tertium quod S. Paulus Melitae commoratus sit per tres menses. Tradunt eum cum S. Luca, Aristarcho, Trophimo aliisque sociis habitasse in crypta quadam suburbana civitatis veteris quam proinde in magna habent veneratione ADEO UT JUXTA EAM AEDIFICAVERINT ECCLESIAM QUAE PER MULTA SECULA FUIT MATRIX ET EPISCOPALIS TOTIUS INSULAE.*"

(Fit-tielet lok li S. Pawl qagħad Malta tliet xhur, skond it-tradizzjoni huwa flimkien ma' S. Luqa, Aristarku, Trofimu u sħabu oħrajn għammar f'ċertu GĦAR fis-subborġ tal-belt il-qadima li għalhekk ġie miżmum b'venerazzjoni kbira tant, li ĦDEJH BNEW KNISJA LI GĦAL BOSTA SEKLI KIENET IL-MATRIĊI U L-EPISKOPALI TAL-GŻIRA KOLLHA).

Din il-parrokkjalità u maternità l-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, ma tilfitha qatt.

Fid-dokument l-aktar antik li għandna fuq il-parroċċi ta' Malta, jiġifieri fir-Ruolo li fl-1436 għamel l-Isqof Senatore de Mello, insibuha taħt l-isem ta' LA CAPPELLA DI S. PAULO DI FORA.

Fil-Viżta ta' Mons. Duzina ta' l-1575 insibu bħala Arċipriet tal-Kattidral u Rettur Kurat ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, lil Dun Leonardo Micallef de Agatiis, li meta dan ġie mistoqsi minn Duzina fuq il-Parroċċa tiegħu rrisponda li huwa "PAROCHUS ET CURATUS ECCLESIAE SANCTI PAULI EXTRA MOENIA CIVITATIS VETERIS MELITENSIS" — (Kappillan u Kurat tal-Knisja ta' San Pawl barra s-swar tal-Belt l-antika ta' Malta). Żied ukoll: "*La mia PARROCHIA l'ho ricevuta dal Papa, e fui esaminato dal Vescovo Cubelles, ed ho soggette alla mia PARROCCHIA* 800 *anime tra la città e lo Rabato; per conto di questa PARROCCHIA sono obligato di ministrare tutti li sacramenti e di più della messa nelle Domeniche el altre feste solenni, e sermocinare le feste al POPOLO; come PARROCO sono obbligato al coro della Cattedrale un dì della settimana ed ogni* 15 *dì una messa. — E come Arciprete della Città sono obligato celebrare* 7 *messe alla Cattedrale, cioè la prima di Natale ecc.*

(Il-Parroċċa tiegħi rċevejtha mingħand il-Papa u eżaminani l-Isqof Cubelles, u għandi suġġetti għall-PARROĊĊA tiegħi 800 bejn il-belt u r-Rabat — akkont ta' din il-PARROĊĊA jiena obbligat li namministra s-Sagramenti, u barra minn dan li nqaddes fil-ĦDUD u fil-Festi oħra solenni u nippriedka fil-festi lill-poplu; bħala Kappillan KURAT jiena obbligat għall-kor tal-Kattidral f'ġurnata waħda kull ġimgħa u kull ħmistax għal quddiesa; u bħala Arċipriet tal-Belt jiena obbligat li nqaddes



*F'dan ir-ritratt tidher l-Istatwa ta' San Pawl b'Salib maġenbha, li tinsab fir-Rabat, fiċ-ċimiterju antikissimu, li skond it-tradizzjoni kostanti miġjuba mill-aħjar storiċi, f'dan il-post San Pawl kien jippriedka u li minn hawn instema' anki minn Għawdex.*

7 darbiet fil-Kattidral, jiġifieri l-ewwel waħda fil-Milied, eċċ.). Minn dawn ir-risposti ta' l-imsemmi Arċipriet Micallef de Agatiis jirriżulta ċar li l-PARROĊĊA kienet San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, u mhux il-Kattidral.

Fil-Memorial li l-Arċipriet de Surdo fl-1549, jiġifieri qabel l-imsemmija Viżta ta' Mons. Duzina, kien indirizza lill-Vigarju ta' dak iż-żmien Dun Giuseppe Manduca, fejn kiteb: Venerabile antrum PARROCHIALIS ECCLESIAE S. PAULI EXTRA

MUROS" (Venerabbli GĦAR tal-KNISJA PARROKKJALI ta' S. Pawl barra s-Swar), u jżid: *"Eaque ECCLESIA cum ejus coemeterio post Passionem Jesu Christi PRIMA INTER OMNES ECCLESIAS CONSTITUTA PERHIBETUR."* — (L-istess KNISJA hija magħduda bħala L-EWWEL WAĦDA FOST IL-KNEJJES L-OĦRA KOLLHA WARA L-PASSJONI TA' KRISTU).

Mill-provi favur din il-PARROKKJALITA' miġjubin fil-kawża li saret bejn din il-Knisja u l-Kattidral quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, fejn, billi żżewġ partijiet kontendenti sostnew it-tnejn li l-PARROĊĊA (kif effettivament kienet) kienet waħda, ġie propost id-dubju: *"Liema hija l-Parroċċa? Il-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar, jew il-Kattidral?"* Iżda *"għall-mument"*, din il-Kongregazzjoni għal dan id-dubju rrispondiet fl-1898, *"non esse inter loquendum"*, jiġifieri *"ma tindaħalx"*; għidna *"għall-mument"*, għaliex kif naraw aktar 'il quddiem din l-istess Kongregazzjoni fil-21 ta' April 1917, u *"per esclusione"* ġiet irsolviet mingħajr tlaqliq dan id-dubju favur il-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, u qabel, fl-1902 isseparat minn xulxin lil dawn iż-żewġ knejjes.

Minn fost dawn il-provi nagħżlu dawn li ġejjin.

Li l-Quddiesa "Pro Populo" li l-Kappillan ta' kull Parroċċa huwa obbligat iqaddes, f'dan il-każ kienet issir *waħda biss* u mhux tnejn; kieku kienu żewġ parroċċi kien ikollhom jitqaddsu *tnejn*.

Li kwalunkwe *benefiċċju kurat* huwa kompost minn żewġ *elementi*, jiġifieri: mill-*jus percipiendi fructus* (dritt li tieħu r-renti), u mill-*officium sacrum* (uffizzju sagru).

Issa huwa fatt, li l-Kattidral lill-Arċipriet ma kienx jagħtih l-ebda pensjoni, anzi mill-istess Abela u minn "Accordio" rreġistrat fl-Arkivju tal-Gvern jirriżulta: "Li l-Arċipriet tal-Kattidral ir-renti li kellu kien" (u għadu) jiġborhom mill-beni li kienu jappartjenu esklużivament lill-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat; għaliex il-Prependa Arċipretali tal-Kattidral ġiet iffurmata mill-beni li kellha l-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl barra s-Swar." U mill-banda l-oħra "ħadd ma jista' jiċħad li l-Arċipriet tal-Kattidral ma kienx jista' jeżerċita l-ministeru tiegħu bħala KURAT ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, qabel ma jieħu, kif effettivament kien jieħu, pussess ta' Kappillan f'din il-Knisja. U għalhekk *"si beneficium propter officium"* (jekk benefiċċju minħabba l-uffizzju) jirriżulta ċar li l-KNISJA TA' SAN PAWL BARRA S-SWAR KIENET IL-PARROĊĊA U MHUX IL-KATTIDRAL. Di pju jirriżulta wkoll f'din il-kwistjoni, li meta l-Arċipriet tal-Kattidral kien jonqos mill-Kor tal-Kattidral, għalkemm waqt l-eżerċizzju tal-ministeru tiegħu bħala Kurat, kien jiġi ppuntat. Kieku l-Kattidral kienet il-*Parroċċa* l-Arċipriet ma kienx jista' jiġi ppuntat fil-każ li l-assenza tiegħu tkun ikkaġunata minħabba l-eżerċizzju tal-ministeru tiegħu.

Għalkemm kif ġa rajna s-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju kienet irrispondiet fl-1898 li ma tindaħalx, "non esse interloquendum" fil-kwistjoni *liema kienet il-Parroċċa: "San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat," jew inkella "l-Kattidral ta' l-Imdina,"* ġara: *li fil-21 ta' April* 1917 *quddiem l-istess Kongregazzjoni ġiet diskussa l-kwistjoni: min kellu jagħti lill-Isqof fil-Viżta Pastorali li jagħmel fir-Rabat*, u fl-Imdina, is-solita VITELLA — l-Arċipriet tal-Kattidral jew il-*Kappillan ta' San Pawl barra s-Swar? — U din id-darba din il-Kongregazzjoni in riferenza għall-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, iddikjarat: "Haec paroecia haud nata est ex dismembratione territorii parochiae cathedrali ita ut nova dici possit...... sed est paroecia PREEXISTENS, quae fuit successive unita archipresbiteratui Ecclesiae Cathedralis et ei, parochialitatis statu firme manente sub unico rectore per duo circiter saecula subjecta mansit. Cum igitur hodie illa unio dissoluta fuerit, utrunque beneficium suam primaevam autonomiam, ut ajunt, est adeptum unde salva novitatem exclusivi et individui rectore, in coeteris paroecia regenda est juribus et con-*

Tel. C. 25454

# CARMELO DELIA (1890) & SONS

**163, St. Lucia Street, Valletta.**

HIGH CLASS FURNITURE MANUFACTURERS
AND TIMBER MERCHANTS

PERFECT WORKMANSHIP GUARANTEED — PERIOD & MODERN
DECORATIVE FURNITURE A SPECIALITY

*ALSO*

## DISTRIBUTORS FOR "BINTEX"

SUPER FOAM MATTRESSES & CUSHIONING

## THE BEST MATTRESSES IN THE WORLD

## WIDELY RENOWNED FOR

FREE FROM ANY ODOUR
LIFELONG DURATION
MOTH & GERM RESISTANCE
COOLNESS IN HOT WEATHER

# RTC NEONGLOW (Amal) Ltd.

*MANUFACTURERS' OF :—*

NEON SIGNS, LUMINOUS TUBES AND PERSPEX SIGNS.

*ASK FOR*

# TICINO Switches

THE FEATHER TOUCH OPERATION SWITCH
SIMPLE TO INSTALL, SILVER CONTACTS,
*GUARANTEED FOR FIVE YEARS.*

*ENQUIRIES :—*

**RTC NEONGLOW LTD.**

**109, Old Mint Street, Valletta**

Tel. C. 26979

*suetudinibus, quibus per saeculae est usa.*"

Jiġifieri: Din il-parroċċa ma twilditx bid-diżmembrazzjoni mit-territorju tal-Parroċċa tal-Kattidral, u għalhekk tista' tgħidilha ġdida......, imma hija parroċċa PREEŻISTENTI li suċċessivament ġiet unita ma' l-Arċipretura tal-Knisja Kattidrali, u għaliha, bla ma tilfet xejn mill-Parrokkjalità tagħha, baqgħet suġġetta għal rettur uniku għal ċirka żewġ sekoli. U billi l-lum dik l-unjoni ġiet maħlula kull waħda minnhom kif igħidu akkwistat il-benefiċċju ta' l-awtonomija li kellha qabel, u kwindi salva n-novità li kull waħda minnhom akkwistat rettur għaliha esklużivament, fil-ħwejjeġ l-oħra l-parroċċa għandha tiġi mmexxija skond id-drittijiet u l-konswetudini li għamlet użu minnhom għal sekoli sħaħ).

B'din id-deċiżjoni, billi ż-żewġ partijiet sostnew bis-sħiħ — u kif effettivament kien — fil-kawża ta' qabel ta' bejniethom, li l-parroċċa kienet waħda, indirettament u kontra dak li kienet qabel irrispondiet bin-"*non esse interloquendum*", l-istess Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju ġiet iddikjarat: *li verament il-Parroċċa kienet waħda u kienet dik ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat,* u li "per esklużjoni" *sa l-1902 (meta saret l-iżmembrazzjoni msemmija) il-Kattidral qatt ma kien Parroċċa.*

Xi kittieba biex jippruvaw iwaqqgħu din il-verità storika ħarġu bl-asserzjoni u qalu li l-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar ma kinitx mibnija qabel is-sena **1575.**

Il-Knisja li hemm il-lum bdiet tinbena fl-1653 u tlestiet fl-1681, permezz tal-ġenerożità tan-Nobbli Sinjura Gusmana Navarra. Din il-Knisja nbniet minn flok oħra li kien hemm qabel, fuq disinn ta' l-Arkitett Bonamico. Id-disinn tal-faċċata ta' barra ta' din il-knisja huwa uniku u oriġinali, u bosta drabi ġie ammirat minn kritiċi kbar barranin. Hemm min igħid li l-glorja grandjuża ta' l-anġli mis-saqaf sa l-art li kien hemm fil-Kappelluni, biċċa madwar l-Ispirtu s-Santu li hemm skolpit fuq nett u biċċa oħra li kienu jżommu l-kwadru ta' taħtu, u li vandalikament ġew imkissra madwar sittin sena ilu, saret fuq id-disinn ta' Lorenzo Gafà.

Skond it-tradizzjoni, fil-kors tal-bini ta' din il-knisja l-imsemmija Nobbli Gusmana Navarra, kienu spiċċawlha l-flus, u naturalment sabet ruħha wisq konfuża. Iżda darba waħda meta kienet hekk imdejqa ltaqa' magħha wieħed xiħ li ma kienet ratu qatt u ta borża flus, u b'hekk hija setgħet tkompli l-bini ta' din il-Knisja. Wara din il-ġrajja, billi dan ix-xiħ ma deherx iżjed, kulħadd beda jgħid u jaħseb li dak ix-xiħ kien l-istess San Pawl .

Din il-knisja għall-ewwel kellha biss il-Kappellun ta' San Anton, għaliex il-Gran Mastru Cottoner qatt ma ried jagħti l-permess lil din in-Nobbli Gusmana Navarra, li tibni l-Kappellun l-ieħor, li jokkupa biċċa mill-foss l-antik tar-Rabat, iżda dan il-permess hija qalgħetu meta ġie elett il-Gran Mastru Carafa fl-1680 u b'hekk hija setgħet taqta' xewqitha u tkompli din il-knisja minn kollox.

In-Nobbli Gusmana mhux biss bniet il-knisja imma wkoll iddotatha b'tagħmira ta' arġenterija u ħwejjeġ oħra meħtieġa, fosthom insemmi: 3 lampieri, wieħed kollu tal-fidda kbir, u tnejn oħra iżgħar tal-fidda wkoll, imżejnin b'ornamenti tal-bronz indurat, tagħmira gandlieri kbar tal-fidda, baċili kbar bil-buqar tal-fidda u gandlieri oħra żgħar tal-fidda. Għamlet a spejjeż tagħha l-kwadri sbieħ tan-Nawfraġju ta' San Pawl u l-lunetta ta' fuq, li tirrappreżenta l-glorja ta' San Pawl meta tela' s-sema, it-tnejn huma mill-isbaħ kwadri tal-pittur Malti Stefano Erardi, u dawk tal-kappelluni, jiġifieri Sant'Anton, opra sabiħa tal-pittur Malti Marulli, u San Stiefnu, opra grandjuża ta' Mattia Preti.

Jirrakkuntaw ix-xjuħ tagħna li Mattia Preti kien ħa fastidju għal Gusmana billi l-kwadri l-oħra ma kinitx ikkommissjonathom lilu, u li għalhekk kien għażel bħala suġġett tal-kwadru tiegħu t-taħġira ta' San Stiefnu, billi qabel għal kwadri l-oħra kienu skartawh, bħalli kieku lilu ħaġġruh ukoll: igħidu wkoll li huwa pinġa f'dan

**Buy**

## LOMBARDI SOUPS

**Save**

## LOMBARDI PACKETS

**Exchange for**

# *FREE GIFTS*

*Agents*: ALF. MIZZI & SONS, 17 Zachary Street, Valletta.

# THE ORIGINAL ENGLISH DISPENSARY

## OPPOSITE ST. JOHN'S CLOCK, VALLETTA.

Established A.D. 1816

**The Oldest Pharmacy**

**— in the Island —**

*Leading Well Over a Century for*

*PROMPT, EFFICIENT SERVICE and RELIABLE QUALITY.*

*A VAST ASSORTMENT OF*

*STANDARD PHARMACEUTICALS, REFINED*

*COSMETICS and TOILET PREPARATIONS.*

il-kwadru fil-prima fila, wieħed mill-manigoldi b'dahru lejn min iħares lejn il-kwadru b'disprezz għal Marulli (għalkemm dan il-pittur huwa wieħed mill-aħjar ta' Malta) li kien pinġa l-kwadru tal-kappellun l-ieħor u li jiġi faċċata ta' dak ta' San Stiefnu.

Din in-Nobbli Sinjura ffundat ukoll fil-kappellun ta' Sant'Anton ġuspatronat tagħha, Abbazija b'renti sbieħ, u, skond ma jgħidu, riedet tagħmel fondazzjonijiet oħra akbar li kienu żgur jagħmlu unur lill-istess knisja, kieku l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Gio. Ant. Cauchi, ma ostakolax ix-xewqa tagħha fuq id-daqq tal-qanpiena l-kbira fl-okkażjoni tal-mewt tagħha.

Id-dar fejn kienet toqgħod din il-kbira benefattriċi hija dik qrib din 'l-knisja, fil-kantuniera tal-Pjazza Parrokkjali, quddiem il-bieb ta' l-istess knisja li permezz tiegħu minn din il-Pjazza tidħol fiz-zuntier, li huwa parti miċ-ċimiterju storiku, antikissimu u famuż li ġa semmejna, fejn skond kif (fost l-oħrajn) kiteb Patri Gerolamo Manduca, kienu jridu jindifnu saħansitra bosta nobbli barranin, billi min jindifen f'dan iċ-ċimiterju kien jirbaħ l-istess indulġenzi konċessi lill-Campo Santo Vaticano ta' Ruma, mill-Papiet.

Qabel l-1653 kien hemm knisja oħra, li kienet qiegħda tinbena (flok oħra qabilha wkoll) fl-1575, kif jirriżulta mill-Viżta Pastorali ta' Mons. Duzina u mill-Abela. Dan jinsab ikkonfermat ukoll: i) Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cubelles ta' l-1555, fejn dan l-Isqof kien ordna li jsir l-inventarju tal-beni ġjogali u paramenti ta' din il-knisja, u fil-25 ta' Ġunju ordna li tinbena mill-ġdid u assenja minn butu 50 onz. (uqija) għal dan il-bini; ii) mit-testment tan-nobbli ġurat Andrea Manduca li sar fl-atti tan-Nutar Brandano Cascaro fil-11 ta' Ġunju 1551; iii) mill-memorjal li l-Arċipriet tal-Kattidral De Surdo kien indirizza fl-1539 lill-Vigarju ta' dak iż-żmien Dun Gius. Manduca; iv) mill-fondazzjoni ta' quddies li ordna Orlando Tonna l-atti tan-Nutar Lorenzo Farrugia fid-29 ta' Marzu 1491; v) u milli kien ordna Cataldo Cosborilla fl-Atti tan-Nutar Antonio Azzopardi dwar il-5 ta' Awissu 1414. Minn dan jidher li f'din is-sena, jekk mhux l-istess knisja li flokha kien ordna li ssir oħra l-imsemmi Isqof Cubelles, probabbilment oħra qabilha, u forsi dik li minnha ġie trasferit il-Kattidral ta' ġewwa l-Imdina, kienet teżisti wkoll.

Li qabel, din il-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar kienet teżisti wkoll, jiġifieri sal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta, jirriżulta mill-ħajja ta' San Publju, miktuba mill-Avukat Bartolomeo Mifsud Lopiscopo u mill-oħra, li meta dan sar Kappuċċin kiteb taħt l-isem ta' Padre Pelagio, kif ukoll mir-relazzjoni li l-Isqof Gargallo għamel lis-Santa Sede meta rrelata: "LI MINN DIN IL-KNISJA ĠIE TTRASFERIT IL-KATTIDRAL ĠEWWA L-IMDINA."

Li kienet teżisti wkoll fi żmien id-dominju tas-Seraċini, għalkemm ma nistgħux ngħidu f'liema stat dak iż-żmien kienet tinsab, huwa ċert, għaliex fis-sena 878 naqraw fl-ittra ta' Patri Teodosio li "*Il-wisq qaddis Isqof ta' Malta kien priġunier, saqajh marbuta bil-ktajjen, fil-ħabs ta' Palermo*". Mill-ittra tal-Papa San Girgor il-Kbir bejn l-aħħar tas-seklu sitta u l-bidu tas-seklu seba', jirriżulta wkoll li din il-knisja kienet wieqfa, għaliex dan il-Papa kiteb lill-Arċisqof ta' Sirakuża biex iwaqqaf minn Isqof lil Lucillo, li dak iż-żmien kien Isqof ta' Malta, u li kien abbuża mill-poter tiegħu; qablu, fis-sena 501, Malta kellha bħala Isqof lil Costantino, u kif iridu jgħidu xi kittieba u storiċi, fis-sena 451 kellha Isqof lil Acacio. Dan kollu jqarrabna dejjem lejn is-sena 313 meta setgħet tinbena l-ewwel knisja pubblika ta' San Pawl barra s-Swar fuq il-Grotta Mqaddsa tiegħu, billi l-Imperatur Costantino ta l-libertà lill-insara bil-famuż Editt ta' Milan.

Xi ħadd forsi jgħid: nammetti li f'dan iż-żmien kollu Malta kellha l-knisja tagħha, imma b'daqshekk mhux pruvat li din il-knisja kienet ta' San Pawl barra s-Swar! Dan kollu veru; iżda sal-miġja tal-Konti Ruġġieru, jiġifieri sakemm il-Kattidral ta' ġewwa l-Imdina ma ġiex ittrasferit mill-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl u

# ĠIĠI

*PROPRIETORS:*

**LEWIS AQUILINA & CO.**

**54, MAIN STREET,**
**RABAT**

GOLD, SILVER & E.P.N.S.
PRESENTS FOR ALL OCCASIONS
WATCHES, CLOCKS, ETC.

*WATCH REPAIRER*

*Tel. Rabat* 197

# TONY'S TAILORING

"TAILOR OF TODAY"

**51, Gusman Navarra Str.,**
**RABAT.**

LEADING TAILOR
INTERESTED IN
LADIES & GENTS
SUITINGS.




*Agents:* Messrs. C. MIFSUD & Fllo.

254, St. Paul's Street, Valletta. Tel. Dial 25535

mill-knisja għalih imsemmija u li nbniet fuq din il-Grotta magħha magħquda u ħaġa waħda magħha "*Ut unum corpus*", il-knisja prinċipali u l-Kattidral ta' Malta, jiġifieri l-Knisja Episkopali, il-Knisja ta' dak l-Isqof ta' Malta li kien marbut bil-ktajjen fil-ħabs ta' Palermo, il-Knisja ta' Lucillo u ta' Costantino baqgħet unikament din il-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar; għalhekk meta naqraw fl-Alapide, b'riferenza għall-knisja li nbniet ħdejn il-Grotta Mqaddsa l-kliem "*QUAE PER MULTA SAECULA FUIT MATRIX ET EPISCOPALIS TOTIUS INSULAE*" (li għal bosta sekoli kienet il-Matriċi u Episkopali tal-Gżira kollha) ikollna d-dritt kollu nirrepetu li mis-sena 313 sa meta baqgħu jaħkmu s-Saraċini f'Malta, il-Knisja ta' San Pawl barra s-Swar, tar-Rabat, baqgħet il-MATRIĊI U EPISKOPALI TAL-GŻIRA KOLLHA.

Fiċ-ċimiterju antikissimu, storiku u famuż ta' ma' ġenb din il-knisja, li kien wisq akbar, u li skond Patri Gerolamo Manduca kien jasal sa fejn il-lum hemm l-Isptar ta' Santu Spirtu, kien hemm fl-antik 21 knisja, 9 minnhom ġuspatronati bil-benefizzji fundati fihom. Dawn il-benefizzji għadhom jittieħdu sal-lum u dawn il-knejjes antikissmi u fundati mill-aħjar familji Maltin ġew profanati, biċċa minn Mons. Duzina fl-1575, u biċċa wara, u l-obbligi u l-kwadri tagħhom ġew ittrasferiti fil-Knisja Parrokkjali.

*NOTA: In-Nutar F. Catania miet fis-26 ta' April 1960, fl-età ta' 88 sena. Permezz tat-testment sigriet li kiteb huwa stess, ħalla eredi universali tiegħu lill-Knisja Matriċi u Proto-Parrokkjali ta' Malta, il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, li huwa kien tant iħobb.*



F'dan iċ-ċimiterju hemm salib bl-iskrizzjoni tiegħu li jimmarka l-post (qrib il-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl u qrib wieħed mill-bibien prinċipali tal-belt l-antika), fejn San Pawl kien jippritka u fl-istess ħin instama' minn Għawdex. Din it-tradizzjoni nsibuha kkonfermata fix-Xewkija, Għawdex, fejn hemm skrizzjoni oħra li tfakkarna f'dan il-miraklu.

Fost il-kwadri l-oħra antiki u sbieħ li jżejnu din il-knisja nsemmu t-titular l-antik fuq l-injam, li sar fl-1588, u dawk ta' San Mikiel, tal-Mattias, magħmul bi spejjeż tal-ħwienet tar-Rabat, fl-1690, u fil-għoli ta' l-istess Kappella ta' San Mikiel, hemm kwadru żgħir ovali tal-Missier Etern, ta' l-istess Mattias, li kif igħidu, biex il-pittur għamel dan il-kwadru kienu tawh xehda tal-għasel tan-naħal; il-kwadru tal-Kurċifiss kien ġie miġjub minn Ruma, fl-1684, minn Dottor Melchiorre Cagliares, ir-raġel ta' Gusmana Navarra; dak ta' Sant'Anna huwa ta' Erardi, magħmul fl-1667; u tas-Sagra Familja u tal-Qalb ta' Ġesù xogħol tal-pittur Malti Francesco Zahra.

Fost il-kwadri li jinsabu fis-Sagristija ta' din il-knisja hemm ir-ritratt tan-

# PHILIPS
# KEROGAS COOKERS

***JAGĦTUK***

**SERVIZZ ....**
Kerogas huwa gas veru li jagħti servizz ta' gas tajjeb

**SIGUREZZA ....**
Kerogas hu ta' pressa baxxa u ma fih biża ta' xejn

**EKONOMIJA ....**
It-tisjir bil-Kerogas huwa irħas mit-tisjir bil-pitrolju.

***Kif avżati fiċ-Cinemas***

---



# "PYREX"
## OVEN-TABLE GLASSWARE

CLEAR COLOURED
OF BEAUTIFULLY
DECORATED

**USE IT ON YOUR TABLE**

***GIVE IT AS A WELCOME GIFT FOR ANY OCCASION***

**"PYREX"** A PLEASANT TO IWN — A JOY TO USE

*Obtainable at Leading Stores*

Trade enquiries from Agents:

# "PETROLEA"
SPECIALISTS IN MODERN HOUSEWARES

**MERCHANTS STREET, VALLETTA DIAL 25971**

Nobbli Sinjura Gusmana Navarra, benefattriċi kbira ta' din l-EWWEL KNISJA li kellha l-bidu tagħha fis-sena 60 ġewwa dik il-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl, li huma ħaġa waħda, u li baqgħet dejjem ħajja u aktar qawwija sal-ġurnata tal-lum, u għalhekk bir-raġun kollu aħna nfakkru f'din is-sena 1960, id-dsatax-il ċentinarju tal-Fondazzjoni ta' din l-EWWEL KNISJA, L-EWWEL KATTIDRAL, IL-PROTO-PARROKKJALI, IL-MATRIĊI U L-ARĊIMATRIĊI TAL-GŻIRA li minnha ħarġu maż-żmien il-KNEJJES KOLLHA TA' MALTA.

# MATRIX TOTIUS INSULAE

*Minn Dun ĠUŻEPP BORG, Lic.D.*

P. Tumas Fazello kiteb: "X'jista' jinsab ġewwa Malta tagħna, li ma jitkellimx, ma jsemmix, ma jqimx, ma jadurax lil Pawlu?" Il-knejjes dedikati lill-Appostlu Missierna, statwi u triqat, u monumenti oħra, kollox ifakkarna fil-miġja u l-qagħda fostna ta' l-Appostlu tal-Ġnus.

Iżda jekk dan kollu jfakkarna fin-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, il-Grotta ta' S. Pawl tar-Rabat tipprova dan in-Nawfraġju, u tfakkarna bħal xejn iżjed fil-konverżjoni tal-poplu Malti għall-Fidi ta' Kristu, fil-kobor tal-Knisja u tal-Gżira tagħna.

Jekk Malta hija ċelebri għall-istorja tagħha taż-żmenijiet tal-qedem, hija laħqet l-ogħla glorja meta għarfet lil Kristu, għalih iġġieldet, u ħarġet rebbieħa fuq l-egħdewwa tat-Twemmin Imqaddes tagħha. Jitkellmu s-swar u l-fortizzi, isemmu leħenhom il-qalbiena maqtula mill-għadu, u jgħidulna li kull sagrifiċċju tagħhom kien magħmul għal Kristu u għall-Fidi tiegħu. L-isbaħ u l-aqwa glorja tagħna, immela, tahilna n-Nawfraġju ta' San Pawl.

Il-Kotba Mqaddsa jgħidu li Pawlu sofra l-għarqa fuq ix-xtajta ta' Malta. Ċaħdu x'uħud li "Malta", imsemmija minn S. Luqa hija l-gżira tagħna, u kontra dawn qamu l-għorrief: "Prova ta' dan in-Nawfraġju," igħidilna P. Injazju Ricci, "hija l-famuża u tawmaturga Grotta ta' San Pawl, miżmuma mill-Maltin tagħna bl-akbar għożża bħala xhieda u argument tal-miġja ta' l-Appostlu, fejn prinċipalment saret is-saħħa ta' l-erwieħ u l-konverżjoni ta' dawk l-ewwel iffortunati pajżani tagħna" (Mss. 246 fil-Bibljoteka).

Jiftaħar il-barrani bit-tifkiriet ta' l-Appostlu li għandu f'pajjiżna; bħalhom jiftaħar kull Malti li fil-gżira tiegħu jinsab "post, li fih hemm imwaqqfa Knisja, li huwa qaddis u devot bil-bosta, għaliex fih għex San Pawl, u fih spiss semma l-kelma t'Alla" (Mons. Duzzina fil-Viżta Pastorali, 1574).

Jiftaħar kull Malti li l-Knisja tiegħu ġiet imwaqqfa fil-bidu nett tal-Kristjaneżmu; li biss ftit snin wara l-mewt ta' Kristu huwa kellu f'pajjiżu wieħed mill-għerien ikkonsagrat 'l Alla Veru, għaliex "ir-reliġjon nisranija f'Malta, kellha n-nieqa tagħha fl-għerien, billi l-Appostlu San Pawl, biex jiskansa l-odju u l-persekuzzjoni ta' l-Imperaturi Rumani, ikkonsagra l-Grotta (ta' S. Pawl) għall-qima ta' Alla (Manduca — Vita di S. Publio, c. 2).

Jiftaħar kull Malti bil-Grotta ta' San Pawl, għaliex "din il-Grotta kienet l-ewwel Matriċi u Kattidral Veskovili ta' din id-djoċesi, u baqgħet Matriċi u Veskovili sat-tkeċċija tas-Saraċini fl-1090" (P. Pelagio, mss. 142); hija wkoll "veru pedament tal-Knisja Kattidrali, u minnha ġej l-Episkopat ta' din id-djoċesi Maltija" (mill-Arkivju tal-Kattidral, Miscellanea, Vol. XXII), l-Episkopat imwaqqaf fostna mill-Appostlu Pawlu u li baqa' ġej saż-żminijiet tagħna.

Ftaħru bil-Grotta l-Maltin ta' qabilna u għarrfuha mad-dinja kollha bħala l-aqwa teżor ta' Malta. Il-barranin, xehed Mons. A. Bartolo fl-1608, "ġew fi żmieni minn diversi pajjiżi, ukoll nies mill-Italja, Franza, Spanja, Fjandra, Ġermanja, Polonja, u magħhom tkellimt u żammejthom ġewwa dari, u meta staqsejthom għalfejn ġew (Malta), weġbuni li r-raġuni kienet id-devozzjoni lejn il-Grotta ta' San

Pawl, li f'pajjiżhom stess kienet miżmuma bl-akbar qima b'tifkira tal-glorjuż Appostlu li kien milqugħ f'din il-Gżira, u f'dak il-lok imqaddes (il-Grotta)" (Miscellanea, v. XXII). Ħabbewha l-Grotta l-Maltin u l-istranġieri, tant li kif igħid il-Pirro: "Mhux biss il-Maltin, imma wkoll bosta nobbli stranġieri, ħallew fit-testmenti tagħhom biex b'qima (lejn il-Grotta), jiġu midfuna fiċ-ċimiterju tagħha."




*STATWA TA' SAN PAWL LI TINSAB FIL-GROTTA*
*Din l-istatwa ta' l-irħam kienet maħduma f'Ruma, "Skola tal-Bernini", ġiet irregalata u poġġuta fil-Grotta mill-Gran Mastru Pinto fl-1748.*

Din hija l-Grotta ta' San Pawl; hija l-aqwa ħaġa li għandha tkun għal qalb tagħna l-Maltin, għaliex fiha bdiet għalina l-ħajja tar-ruħ, u l-glorja quddiem id-dinja kollha. Fiha għall-ewwel darba nstema' l-Isem ta' Kristu, fiha missirijietna rċevew il-Magħmudija, kielu l-Ħobż tas-Sema u minnha ħareġ is-Saċerdozju u l-Episkopat Malti. Fiha għex għal tliet xhur sħaħ l-Appostlu Missierna, fiha għamel l-għeġubijiet tiegħu mal-morda u l-immankati, fiha żera' r-Reliġjon ta' Kristu, li hija l-aqwa u l-ogħla wirt tal-poplu Malti.



L-Emm. T. Kardinal VALERIAN GRACIAS
Arċisqof ta' Bombay.

# IL-GROTTA TA' SAN PAWL

*Minn Dun GIOV. P. BRIFFA BRINCATI, Kapp. Konv.*

Fir-Rabat, fil-Foss tal-Belt l-antika "Melita" ta' żmien ir-Rumani, jinsab Għar magħruf bl-isem ta' "Il-Grotta ta' San Pawl", li skond it-tradizzjoni kostanti, f'dan il-Għar San Pawl waqqaf l-ewwel knisja fil-Gżira tagħna, u għalhekk bir-raġun kollu missirijietna dejjem kellhom qima kbira lejn dan is-Santwarju qaddis.

Fil-bidu tas-seklu sbatax in-Nobbli Spanjol Juan Beneguas ta' Cordova kien ġie Malta biex jidħol fl-Ordni ta' San Ġwann. Malli wasal, l-ewwel ħaġa li ried, kienet li jmur iżur il-Grotta Mqaddsa, wisq magħrufa mad-dinja Kattolika.

Skond l-awtorità li kellu permezz ta' Bolla tal-Papa Paolo V fit-22 ta' Mejju 1617, huwa għadda l-Grotta taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gran Mastru, u wara fl-1 ta' Novembru 1618 ġie mdaħħal fl-Ordni fi grad ta' Kavalier.

Id-devozzjoni lejn dan si-Santwarju kienet kbira, saħansitra anki l-Papiet u speċjalment il-Papa Pawlu V, li għana dan is-Santwarju b'ħafna privileġġi u indulġenzi, fosthom dik mogħtija fid-19 ta' Settembru 1608, għal dawk il-pellegrini li jżuru dan il-lok imqaddes mill-Appostlu. Dan il-Papa rregala wkoll paramenti sagri u relikwji ta' għożża kbira, fosthom is-salib żgħir tad-deheb li kien iżomm fuq sidru u salib iehor ta' l-ebbanu miksi bil-fidda ċiżillata indurata, li fih jinsabu x-xbiehat ta' Kristu u l-Madonna, li t-tnejn fihom relikwji tal-Veru Linju u għadam tal-Qaddisin.

Fost ir-relikwji li jinsabu f'din il-Knisja, hemm dik wisq għażiża li hija parti mid-driegħ ta' San Pawl, li qiegħda f'id tad-deheb, li kienet ġiet irregalata mid-Duka Ferdinandu ta' Mantova fis-sena 1620, kif juri d-dokument importanti fuq l-awtentiċità tagħha, mogħni mis-siġill u ffirmat mill-imsemmi Duka, minn Mons. Gregorio Carbonello, Isqof ta' Diocesarea u Abbati tal-Knisja Dukali ta' S. Barbara; Kan. Ottavio Morbiolo, Arċidjaknu ta' l-istess Knisja; u l-Kan. Emilio Maschara, Prefett tar-Relikwji.

Barra milli dan is-Santwarju huwa mogħni b'ħafna indulġenzi, Alla l-Imbierek ried, kif tixhed it-tradizzjoni matul is-sekoli twal, jissokta jżejjen dan is-Santwarju bil-grazzji Minnu mogħtija permezz tal-ġebla maqtugħa mill-Għar, illi, avvolja bi kwantità kbira, meħuda u mqassma, ġiet mibgħuta wkoll barra minn Malta, qatt ma tonqos mill-kejl oriġinali tal-Grotta, kif huwa magħruf miż-żewġ skrizzjonijiet qodma li hawn stess jinqraw.

Infatti hekk kiteb il-filosofu Bonamico lill-Abbati Giustiniano: *"Donde, cioé, dal mentovato antro, benchè se ne cavi di continuo in tant copia, quando se ne vede giornalmente mandare da per tutto fino alla Indie, sta sempre nel medesimo stato, senza scemarsi: cosa nota, ed osservata da tutti miracolosa, non meno che la polvere di S. Raimondo in Barcellona."* (Cfr. Joan Ant. Ciantar Dissert. 20, 16 nota).

Ukoll l-istoriku Malti Giuseppe Giacomo Testaferrata jikteb illi s-Saċerdot ta' l-Ordni tal-Kavalieri, il-Prijur ta' Riscle f'Linguadocca u Rettur tal-Grotta Fra Pawlu Grech kien xehed lilu illi, wieħed pellegrin li mar iżur dan il-lok imqaddes u qies b'ħabel dan il-Gyar sabu ta' l-istess kejl daqs kemm kien 40 sena qabel, avvolja minnu kienet inqatgħet, matul dawn is-snin, kwantità kbira ta' ġebel (Dissertaz. storico-critica di S. Paolo Ap., § 23).

Fl-1863, wara 182 sena ta' xhieda simili u kostanti, il-Kanonku Giovanni Gatt Said jistqarr l-istess ħaġa fuq dan il-Għar, avvolja kienu nqatgħu ġebel bi kwantità

kbira u saħansitra biex jagħmlu statwi żgħar ta' l-Appostlu (La Grotta di S. Paolo a Malta: Memor. IV, pag. 65).

Insibu wkoll karta volanti ferm rari, maħruġa f'Ruma biex tiġi mqassma fl-idejn, imsemmija: "*Virtù della Pietra di San Paolo*", u maħruġa bis-sensja tal-Knisja, li tgħid: "*Questa Terra chiamata Pietra di San Paolo si troua sulla nobilissima isola di Malta nella grotta di San Paolo, lontana dalla Città nuova otto miglia, é di colore bianchissimo: e di essa se ne formano imagini, e medaglie, tazze, vasetti e altre cose . . . . Le virtù della pietra sono meravigliose; poiché vagliano contro ogni sorte di veleno, e morso di animali velenosi . . . . Giovano in molte altre infermità, come di continuo se ne vedano esperienze nella isola di Malta, e altrove, seconda la particolar divotione di chi le vsa, con raccomandarsi diuotamente al Signore Dio, e al detto Santo Apostolo Paolo, ad intercessione del quale furono da S.D.M. di tante gratie dotate . . . . Si beve acqua o* (kelma ma tinqarax għax il-karta kkamlata, probabbilment *vino*) *o altro liquore, nel quale sia distemperata vn poco di detta pietra bianca . . . . E sopra tutto si auuertisca che le pietre sieno vere e reali, e non falsificate; ma portate da persone fidate della detta Isola di Malta con le debite fedi.*" *In Roma, per Arcangelo Casaletti* 1768. *Con licenza de' Sup.* (Bibliot. priv. Vzo. Briffa Brincati).

Anki Monsinjur Pietru Duzina jagħti fil-Viżta tiegħu Apostolika din ir-relazzjoni bil-Latin f'jum id-9 ta' Frar 1575 dwar il-Grotta ta' San Pawl: "*Ecclesia est tota in saxo posita, ex quo fideles quotidie fragmenta eripiunt, quae dicunt, adversa omnia venena prodesse se immixta bibatur aqua. Hanc gratiam in honorem D. Pauli fuisse concessa illo saxo permagno, in quo ipse habitavit, ita mirabilis est Deus in sanctis suis.*"

F'dawn l-aħħar żewġ ċitazzjonijiet jissemmew il-virtù tal-ġebla kontra l-veleni, u fl-ewwel waħda wkoll kontra l-mard, oltre l-qtugħ u l-għoti ta' kuljum minn din il-ġebla; u sebbene Mons. Duzina jistqarr "*kif jingħad*" madankollu jfaħħar il-kobor meraviljuż tal-ġebla li Alla hu mirabbli fil-Qaddisin Tiegħu, mentri fil-karta volanti msemmija huwa wkoll magħruf kemm jittieħed ġebel mill-Grotta biex minnu jinħadmu xbihat, midalji, tazzi, vażetti u ħwejjeġ oħra li jiġu wżati għad-devozzjoni tal-fidili, kif ukoll tgħarrafna li dan il-ġebel kien joħroġ minn Gżiritna b'dokument awtentiku.

L-istess jistqarru fil-kitba tagħhom bosta għorrief u storiċi, anki barranin, bħal Joannes Quintinus, Domenico Magri, A. Lapide, Pirrus, Bosio, Asciach, Manduca, Abela, Ciantar, Bonam., Marrolico, Gidotti, Porta, Maranta, Bercard, Calmet, eċċ. illi din il-ġebla maħlula fl-ilma hija kontravelenu għall-gdim tas-sriep u annimali rrabjati, u kontra kull velenu ieħor, kemm meħud aċċidentalment u kemm apposta, kif ukoll kontra d-deni u mard ieħor, meta dawn jixorbu dan l-ilma bil-fidi u tkun ir-rieda t'Alla għall-fejqan tagħhom.

Importanti ferm huwa ċ-ċimiterju ta' l-istess lok imqaddes, estiż ma' l-inħawi, li jgawdi saħansitra l-privileġġi kbar ta' San Lawrenz barra mis-Swar ta' Ruma, għal kull min fih ikun midfun, tant illi ħafna nsara, anki barranin minn Gżiritna, kienu jħallu fit-testment tagħhom li jridu għalihom id-difna fiċ-ċimiterju tal-Grotta ta' San Pawl f'Malta (Cajet. Joag., cap. 19; A Lapide, in Act. Ap.; Hieron. Manduca, "Vita S. Publio" cap. 2; "Relaz. ant. Trad." n. 4).

Il-Kan. Hieronimus Manduca huwa ta' l-opinjoni illi l-privileġġi u l-Indulġenza Plenarja għal min ikun midfun f'dan iċ-ċimiterju ġew mogħtija mill-Papa Gregorju l-Kbir, meta bagħat hawn f'Malta l-Isqof Trajano flimkien ma' xi Patrijiet Benedittini fis-sena 600, u jissokta fl-imsemmija "*Relazione delle Antiche Tradizioni*",







# C.W.S.

## FREE GIFT SCHEME

*Change empty packets, tops, wrappers, and cartons of*

SPEL PULVO, RED and SILVER SEAL MARGERINE CRYSELLA SHAMPOO, GREEN and WHITE OLIVE TOILET SOAP, DHOW LAUNDRY SOAP for




## USEFUL FREE GIFTS









illi: '*Id-dokument ta' dawn il-privileġġi li jibda 'Venerabile Antrum P. Pauli Apostoli' ġie reġistrat fil-Qorti ta' l-Isqof fl-Imdina bl-ordni tal-Vigarju Ġenerali D. Giuseppe Manduca b'talba ta' D. Matteo Surdo, Gran Kappillan,'' u li huwa nnifsu kien qara* (Relaz .Ant. Trad. n. 4).

Fis-sena 1608 l-Inkwiżitur Monsinjur Leonetto Carborio, Delegat Apostoliku, kien sejjaħ erba' xjuħ, magħrufin għall-għaqal u t-tjieba tagħhom, li kienu D. Antonio Bartolo, duttur tat-Teoloġija u Kan. Dekan tal-Kattidral, ta' 75 sena; Giovanni Debono, Ġurat u persunaġġ għaref ħafna, ta' 63 sena; Marco Bonnici ta' 80 sena; u Fra Leonardo de Acatiis, Patri Agostinjan ta' 66 sena, li lkoll stqarrew, taħt ġurament, fuq id-devozzjoni kbira tal-Maltin u barranin lejn din il-Grotta (''Miscellanea Notitiarium' Vol. XVII, li tinsab fil-Kattidral). Il-Kan. Dekan Bartolo jixhed ukoll li saħansitra kienu jiġu pellegrinaġġi mill-Italja, Franza, Spanja, Fjandra, Ġermanja u Polonja, u li hu stess tkellem ma' xi wħud minnhom u laqagħhom f'daru, u meta staqsiehom x'kienet ir-raġuni tal-miġja tagħhom huma wieġbuh




*F'dan ir-ritratt ta' karta volanti, li tinsab ikkonservata fil-Biblioteka Universitarja u reġjonali ta' Strasburg, jidhru xi Emuleti li kienu jsiru mit-trab tal-Grotta ta' San Pawl, biex jitqassmu għad-devozzjoni.*

li kienet id-devozzjoni lejn il-Grotta ta' San Pawl, illi fin-naħiet tagħhom kienet miżmuma b'devozzjoni kbira għat-tifkira ta' dak il-glorjuż Appostlu, li ġie milqugħ f'din il-Gżira u f'dan il-lok qaddis. (Ibidem, paġ. 191; Arkivju tal-Kattidral ''Miscellanea Notitiarum'' Vol. XVII paġ. 191).

U hekk ukoll taħt ġurament Giovanni Debono jżid: ''*Jiena rajt minn erbgħin sena 'l hemm konfluwenza u konkorrenza kbira ta' nies mhux biss mill-Gżira, imma anki frustieri, li kienu jiġu mill-partijiet kollha tad-dinja serja, biex iżuru din il-Grotta, li magħhom jiena tkellimt, u rrağunajt mill-okkażjoni tal-miġja tagħhom, u huma qaluli, illi fin-naħiet tagħhom jifhmu, li minn barra l-knejjes ta' Ruma ma kienx hawn knisja iktar għanja, u dotata b'indulġenzi, l-anqas iktar ta' min iqimha mill-imsemmija Grotta.*'' (Ibiden: ''Miscellanee Notitiarum'' Vol. XVII).

# Hey! Whose spin-dry washer is this?



Hers of course! *He* bought it for *her*, because they both know the Thor Automagic does *all* the work. But he can't resist that fascinating pedal control. Who *could?* It's one of the exclusive Thor features. The Thor does all the washing, rinsing and spin-drying in *one* giant capacity tub.

**WASHES!**
**RINSES!**
**SPIN DRIES!**
**SAVES SUDS!**

**ALL IN ONE GIANT TUB**

**AT THE TOUCH OF A TOE**

Thor

## AUTOMAGIC 260

***The Spin-Dry Washing Machine***

*Model 260H with heater, also available*
*Both models on easy terms.*

*Available from*

# MUSCAT'S GENERAL STORES

15, KINGSWAY, VALLETTA. — Tel. 28228

***H.P. Terms Available.***

# IL-KONFRATERNITA TA' SAN PAWL TAR-RABAT MONUMENT NAZZJONALI

*Minn BIAGIO GALEA*

Bosta huma l-monumenti li waqqfu missirijietna fil-gżira tagħna biex juru l-imħabba u l-qima tagħhom lejn l-Appostlu Missierna San Pawl, u wieħed mill-aqwa fost dawn huwa dak li ġie mwaqqaf fil-Knisja Matriċi u Proto-Parrokkjali ta' Malta, il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, li f'din is-sena 1960, qed jiġi mfakkar id-dsatax-il ċentinarju tal-fondazzjoni tagħha.

Dan mhux monument tal-bronz jew irħam, imma monument ħaj, kompost mill-istess ulied li jiffurmaw il-kuruna tal-missier, li mqanqla minn din l-imħabba marru jwaqqfu l-"Konfraternita ta' San Pawl," f'dik l-istess knisja li ġiet imwaqqfa minn San Pawl stess fis-sena A.D. 60, ġewwa dik il-Grotta li tinsab magħha "ut unum corpus" u li minnha ħarġet u xterdet mal-gżira kollha l-Knisja Maltija, u għalhekk, bir-raġun kollu din il-Knisja tissejjaħ "*Matrix et Episcopalis totius insulae.*" U bħal ma din il-knisja hija Monument Nazzjonali li jixhed il-miġja ta' San Pawl fostna, hekk ukoll din il-Konfraternita li hija UNIKA fil-gżira tagħna, hija Monument Nazzjonali ieħor li juri l-vera mħabba lejn l-Appostlu Missierna.

## *TALBA GĦALL-EREZZJONI*

Missirijietna ma kinux kuntenti li jiċċelebraw f'din il-Knisja l-festi kollha ta' San Pawl, riedu xi ħaġ'oħra biex biha juru aktar l-imħabba tagħhom, u għalhekk, is-Saċerdoti D. Pietro Hellul, D. Paolo Zahra, D. Giuseppe Paolo Zerafa, D. Giuseppe Zerafa u s-sinjuri Francesco Agius, Francesco Azzopardi, Angelo Zammit, Giuseppe Portelli u Baldassare Zahra, taw bidu biex isseħħ ix-xewqa tagħhom, u talbu lill-Isqof biex, "*Ad unur tal-Glorjuż Missier u Patrun tal-Maltin u tal-gżira, l-Appostlu San Pawl, titular u protettur tal-Knisja Parrokkjali tar-Rabat, titwaqqaf f'din l-istess knisja, Konfraternita li jkollha d-distintiv tagħha, b'dawk is-suffraġji, talb u funzjonijiet, li jkunu speċifikati fi statut li jkun ikkompilat u approvat mis-S.T. Ill.ma u Rev.ma.*"

"*Jekk din it-talba tiġi milqugħa, tkun ta' vantaġġ kbir spiritwali u preċiżament biex tiġi konservata dik id-devozzjoni kbira lejn dak il-qaddis li minnu l-gżira taf il-fidi mqaddsa.*"

"*L-oraturi jisperaw li jkunu mismugħa mis-S.T. Ill.ma u Rev.ma, u li tingħażel persuna minnek magħrufa, biex tlesti statut biex il-Konfraternita timxi sewwa, u tiġi eretta billi tiddestinala l-Artal Maġġur għall-funzjonijiet tagħha, u tistabbilixxi d-distintiv tagħha li jkun ta' Konfraternita proprja, li din UNIKA f'din id-Djoċesi tiegħek, tkun l-aktar ħaġa xierqa, ta' rispett u ta' qima lejn il-Glorjuż Missier u Patrun tal-Gżira, u għal dan, bil-ħeġġa kollha l-oraturi, fl-isem tagħhom u ta' ħafna oħrajn, li huma pronti biex jissieħbu għal aktar vantaġġ spiritwali, jitolbu, li anki n-nisa (Konsorelli) ikunu jistgħu jiġu ammessi f'din il-Konfraternita.*"

## *IL-FEHMA TA'L-ARĊIPRIET*

Għal din it-talba, l-Isqof, li kien Fr. Bartolomeo Rull, ried ikun jaf jekk din il-Konfraternita hix ta' ħtieġa u vantaġġ spiritwali, u għalhekk fis-17 ta' Settembru 1766, kiteb lill-Arċipriet tal-Kattidral, biex bħala Kurat tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, jagħtih il-parir tiegħu, u jekk hux tal-fehma li tiġi eretta din il-Konfraternita.

L-Arċipriet, li kien Dun Ġużepp Saliba, jidher li kien jaqbel perfettament mat-talba li saret, u fl-1 ta' Ottubru 1766, huwa wieġeb hekk għall-ordni ta' l-Isqof: "*Biex nissodisfa l-ordni tas-S.T. Ill.ma u Rev.ma għandi l-unur li ngħid li l-erezzjoni ta' din il-Konfraternita, tkun mhux biss ta' dekor u vantaġġ għall-Knisja Parrokkjali tar-Rabat, ANZI MEĦTIEĠA BĦALA L-EWWEL SANTWARJU TAL-GLORJUŻ MISSIER U PROTETTUR TAGĦNA SAN PAWL.*"

L-Arċipriet kompla billi għamel suġġerimenti li dawn komplew għenu biex tiġi eretta din il-Konfraternita, u nsibu li dawn ġew kollha inkorporati fl-istatut.



*Il-kwadru tal-Kor tal-Knisja Matriċi u Proto-Parrokkjali ta' San Pawl, Rabat, xogħol famuż tal-Pittur Stefano Erardi.*

## *STATUT U EREZZJONI*

Wara li l-Isqof ra l-fehma ta' l-Arċipriet, bla telf ta' żmien ta bidu għall-erezzjoni ta' din il-Konfraternita, u fl-10 ta' Ottubru 1766, ħatar lil Dun Franġisk Wzzino, biex ilesti statut, u wara jesponih għall-approvazzjoni tiegħu.

Dun Franġisk Wzzino, f'dan l-istatut wera li kien favur l-erezzjoni ta' din il-Konfraternita u beda hekk: "Wara aktar minn elf u seba' mitt sena, minn meta l-Glorjuż Missier tagħna San Pawl ġie u kkonverta lil Malta, għoġob lis-Sinjur li jwaqqaf Konfraternita ad unur ta' San Pawl, *fl-istess post fejn appuntu ppрietka*

*l-Fidi Kattolika u kkonverta l-Gżira ta' Malta.*"

"Din il-Konfraternita tidher li hija tardiva, kellha tkun ta' l-ewwel, iżda jiena nispera li dan ikun ġustifikat. "Erunt novissimi primi", u kif igħid il-proverbju, "Aħjar tard milli qatt."

"Huma bla tarf il-memorji ħajjin li għandna tal-miġja u l-predikazzjoni ta' dan il-qaddis Missier tagħna, Protettur u Patrun, u l-prodiġji, mirakli u effetti tal-predikazzjoni tiegħu."

"Dawn huma xhieda ta' l-obbligazzjoni li għandna lejh, u din il-Konfraternita tkun is-siġill tal-qima li għandna nagħtuh, u jiena nispera li din tkun waħda mill-aqwa tal-gżira."

"U billi l-Knisja Parrokkjali tar-Rabat, hija dedikata lil San Pawl u lill-Glorjuż kbir Martirju tiegħu, li huwa premju u kuruna ta' l-Apostolat tiegħu, hekk din il-Konfraternita għandha tkun taħt it-titolu ta' dan il-Qaddis Appostlu li xerred demmu għall-unur tal-Fidi Kattolika."

"Dan l-istatut kompost minn tnax l-artikolu, li fihom ġew inkorporati, kif għidna, dawk ir-rakkomandazzjonijiet li għamel l-Arċipriet, u nagħtuhom fil-qosor għax tassew interessanti:

1. Art. — L-istandard tal-Konfraternita għandu jkun aħmar bl-arma ta' San Pawl fin-nofs, u l-fratelli għandhom jilbsu l-konfratija, kurdun u kapoċċ abjad u muzzetta ħamra bil-figura ta' San Pawl fuq in-naħa tax-xellug fuq il-qalb.

2. Art. — L-artal tal-Fratellanza għandu jkun dak tal-kor, u l-festa tal-Martirju għandha ssir b'solennità kbira mill-fratellanza u bi proċessjoni ġenerali.

3. Art. — Sabiex tinżamm il-ħeġġa, kull raba' Ħadd tax-xahar, il-fratelli għandhom jiltaqgħu filgħodu fil-knisja, biex jitqarbnu flimkien, u wara li ssir priedka, jagħmlu proċessjoni żgħira barra mill-knisja.

4. Art. — Il-funzjonijiet kollha għandhom isiru fl-Artal Maġġur.

5. Art. — Billi din il-Konfraternita għadha fil-bidu, il-knisja għandha tgħin fl-ispejjeż fil-festa, u dan jibqa' jsir sakemm tkun fi stat li tagħmel kollox bi spejjeż tagħha.

6. Art. — U biex jiġi aktar solennizzat it-titolu ta' din il-Konfraternita, għandu jiġi trasferit l-Ottavarju, li soltu jsir fil-Konverżjoni, u jibda jsir fil-festa tal-Martirju ta' San Pawl, u tibqa' tagħmlu l-knisja, sakemm il-Konfraternita tkun fi stat li tagħmlu hi.

7. Art. — F'din il-fratellanza jistgħu jidħlu anki n-nisa (Konsorelli), iżda huma obbligati bħal fratelli u jħallsu ħabbtejn fix-xahar, u l-fratellanza hija obbligata li tagħmel l-assoċjament bi tmien qassisin, kompriż is-salib u l-Viċi-Parroku, biex tittrasporta l-katavru u tagħmel Quddiesa Kantata "praesente cadavere."

8. Art. — Dawk il-fratelli jew konsorelli li jħallsu ħames ħabbiet fix-xahar, il-Konfraternita hija obbligata li fil-mewt ta' xi ħadd minnhom, għandha tagħmel tliet quddisiet kantati wara xulxin, u tletin (30) oħra letti bl-elemożina ta' żewġ irbagħja fi żmien għaxart ijiem.

9. Art. — Għal dawk li jkunu mdaħħla fiż-żewġ għaqdiet, l-erba' quddisiet kantati għandhom isiru fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet u fis-seba' jum, anki jekk il-katavru ma jkunx ġie trasportat fil-Knisja Parrokkjali.

10. Art. — Dawk li jkollhom aktar minn tletin sena meta jinkitbu, għandhom iħallsu ħabbtejn fix-xahar għaż-żmien kollu li jkollhom aktar, u l-istess għal dawk li jinkitbu fil-quddies, għandhom iħallsu ħames ħabbiet għal kull xahar li jkollhom fuq 25 sena.

11. Art. — Għandhom jinħatru żewġ Prokuraturi, wieħed tal-Konfraternita u l-ieħor tal-quddies, assoċjamenti, kontribuzzjonijiet, u dan għandu jagħti rendikont kull sena.

12. Art. — Biex din il-Fratellanza ta' San Pawl tkun stabbilita u regolata taj-

# IT'S CHEAPER BY SEA

ALWAYS TRAVEL BY

# "STAR OF MALTA"

ASK FOR SCHEDULES & PRICE LIST

**All modern commodities on board.**

*— SPECIAL REDUCTIONS FOR GROUPS —*

## THE WEMBLEY STORE

303/305,

KINGSWAY,

VALLETTA.

PHONE: CENTRAL 25148

## RUGGIER'S PHARMACY

10, Nicola Saura Street,

RABAT.

**CHEMISTS & DRUGGISTS**

*Dispensing Chemist*

Dr. J. PORTELLI Ph.C., M.D.

Tel. No. Rabat 148.

jeb, kull sena, fl-ewwel Ħadd ta' wara l-festa tal-Martirju wara nofs in-nhar, għandha ssir il-Konsulta Ġenerali biex jinħatru l-Ministri, ecc., u biex din l-elezzjoni tkun ta' ġid, għandu qabel isir talb lill-Ispirtu Santu, u wara jiġu maħtura dawn:

L-ewwel Uffiċjal: Ir-Rev.du Sinjur Arċipriet, "pro tempore".

It-tieni Uffiċjal: Rettur.

Żewġ Prokuraturi, wieħed tal-Konfraternita u l-ieħor tal-quddies.

Segretarju, erba' fratelli bħala Konsulturi, Depożitarju, Surmast tan-Novizzi, żewġ Sagristani u żewġ Fratelli oħra bħala nunzji u infermieri biex javżaw il-konsulti u l-funerali.

Kif Dun Franġisk Wzzino lesta dan l-istatut, esibieh kif kien ordnat għall-approvazzjoni ta' l-Isqof, li dan wara li eżaminah, mhux biss approvah, imma anki fl-istess ħin ta l-approvazzjoni tiegħu għall-erezzjoni tal-Konfraternita ta' San Pawl:

"*CONFRATERNITAS de qua in precibus auctoritate Nostra Ordinaria ERIGIMUS, et Cinfirmamus, approbantes statuta per Sac. Franciscum Wzzino efformata, et Nobis exhibita; riservata tamen Nobis nostrisque successoribus facultate illa moderandi, at aliis addendi. Dat. in Palatio Nostro Episcopali Civitatis Vallettae, die prima Junii* 1767. *Fr. D. Bartholomaeus, Episcopus Meliten.*

## *INDULĠENZI*

Sa mill-bidu, din il-Konfraternita sabet l-approvazzjoni mhux biss ta' l-Isqof ta' Malta, imma anki ta' l-istess Papa Klement XIV, li wera l-imħabba tiegħu billi għaniha b'ħafna indulġenzi.

Fil-Bolla ta' dan il-Papa, maħruġa f'Ruma fil-11 ta' Ġunju 1771, "*apud S. Mariam Majorem, sub annulo Pescatoris*", fost il-ħafna indulġenzi li fiha, insibu dawn:—

a) Indulġenza Plenarja lill-Fratelli jew Konsorelli fil-jum tad-dħul tagħhom f'din il-Konfraternita.

b) Indulġenza Plenarja lill-imseħbin kollha waqt il-mewt, jekk imqarrin u mqarbnin, u jekk ma jkunux jistgħu jitqarbnu, basta bl-indiema jippronunzjaw l-isem ta' Ġesù.

ċ) Indulġenza Plenarja kull sena jekk imqarrin u mqarbnin, għal min devotament jinvista l-knisja ta' din il-Fratellanza, minn lejliet il-festa prinċipali sa nhar il-festa filgħaxija, u jitlob għall-paċi, għall-qerda ta' l-ereżija, u għall-eżaltazzjoni tal-Knisja Mqaddsa.

Dan il-Papa ħabb lil din il-Konfraternita b'imħabba ta' veru missier, u għalhekk ma kienx kuntent bil-ħafna indulġenzi li kkonċeda, imma ried li l-imseħbin ikomplu jieħdu mill-ġid ta' din il-Konfraternita anki wara mewthom, u għalhekk permezz ta' Bolla oħra, maħruġa f'Ruma fis-17 ta' Settembru 1773, huwa ta l-privileġġ illi: "*Dak il-quddies li soltu jsir skond l-istatut u konswetudini, għar-ruħ ta' kull fratell jew konsorella, li waqt il-mewt tkun fil-grazzja t'Alla, għandu jitkompla jitqaddes fi kwalunkwe artal ta' l-imsemmija Knisja Parrokkjali, u dik ir-ruħ jew erwieħ li għalihom ikun sar dan il-quddies, jiġu suffragati daqs li kieku dan il-quddies sar f'Artal Privileġġjat*" (*Perinde suffragentur ac si Altare Privilegiatum fuissent celebrata*).

## *IL-KONFRATERNITA L-LUM*

Minn dan il-ftit li għidna, rajna kemm din il-Konfraternita kienet ġejja minn Alla biex biha junura lill-Appostlu Missierna. Hija baqgħet dejjem tikber u l-lum insibu mseħbin fiha minn kull naħa tal-gżira, u barra dan hija baqgħet UNIKA fil-gżira tagħna, biex bħala Monument Nazzjonali mwaqqaf fl-istess knisja li ġiet iffundata minn San Pawl stess, u li din is-sena qed tiċċelebra d-dsatax-il ċentinarju tal-fundazzjoni tagħha, din il-Konfraternita hija xhieda ta' l-imħabba u l-qima tagħna lejn l-Appostlu Missierna San Pawl, li tiegħu hija ġġib l-isem.

IF IT IS A MATTER OF

# BUILDING MATERIALS

TELEPHONE: CENTRAL 24575

---

## JOHN ABELA (1883) & SON

ABELA'S BUILDINGS — MALTA

*TELEGRAMS:*

"IRONSTEEL — MALTA"

All Codes Used

---

**Direct Importers and Dealers in all Kinds of Engineering and Building Materials —**

**We Place at Your Disposal our 76 Years Experience in Importing Similar Materials.**



# KUMITAT TAL-FESTI CENTINARJI PAWLINI GĦAR-RABAT U L-IMDINA

*Patrun*: W.R. Saċ. Paolo Attard, Kappillan tar-Rabat.

*Presidenti Onorarji*:

Ill.mu u Rev.mu Mons. Enrico Bonnici, O.B.E., D.D., B.L.Can.
Ill.mu u Rev.mu Mons. Antonio Buhagiar.
Ill.mu u Rev.mu Mons. Lorenzo Spiteri, D.D., B.L.Can.
Ill.mu u Nob.mu Konti B. Manduca Piscopo Macedonia Zamitt.

*President*: Onor. Imħallef Chev. Dr. Anthony J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.

*Viċi-President*: Nutar Dr. Salvatore Abela, LL.D.

*Segretarju Ġenerali*: Sur Paul Saliba, L.P.

*Teżorier*: Rev. Saċ. Pietru Pawl Micallef.

*Assistenti Segretarji Ġenerali*: Rev. Saċ. Antonio Bugeja; Sur Publio Farrugia (Arċikonfraternita SS.mu Sagrament).

*Assistent Teżorier*: Rev. Kan. Koll. Carmelo Cefai.

*Membri*: Rev. Kan. Koll. Salv. Bugeja, D.D., B.L.Can.; Rev. Kan. Koll. Francesco Catania; Rev. Kan. Koll. Francesco Micallef; Rev. Kan. Koll. Giuseppe Fabrè; Rev. Kan. Koll. Giorgio Bonello; Rev. Kan. Koll. Michele Attard; Rev. Kan. Koll. Vincenzo Fenech; Rev. Saċ. Vincenzo Galea; Rev. Saċ. Michele Saliba; Rev. Saċ. Paolo Cortis; Rev. Patri Pietru Pawl Zerafa, O.P., S.Th.L., S.S.L. (Ven. Komunità Dumnikana, Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla); W. R. P. Gwardjan Francesco Dingli, O.F.M.; W.R.P. Prijur Carmelo Cuschieri, O.S.A.; W.R.P. Prijur Vincenzo M. Pavia, O.Carm.; W.R.P. Gwardjan Felice M. Sammut, O.F.M.Conv.; W.R.P. Gwardjan Paolo Pisani, O.F.M.Conv.; W.R. Superjur Saċ. Michele Callus, S.S.P.; Sur Edward Romeo Leopardi (Arċikonfraternita ta' San Ġużepp); Sur Pietru Bonello (Konfraternita ta' San Pawl); **Sur** Anthony Muscat (Azzjoni Kattolika); Sur Pawl C. Mifsud (M.U.S.E.U.M.); Sur John Zammit (Legion of Mary); Sur Carmelo Borg (Żgħażagħ Ħaddiema Nsara); Rev. Saċ. Carmelo Barbara (Casino Notabile); Dr. Carmelo Vassallo, LL.D. (Każin Konti Ruġġieru); Sur Giuseppe Micallef (Każin L'Isle Adam); Sur Cristino Vassallo (Rabat Football Club); Sinjuri: Giuseppe Borg; Luigi Bugeja; John Cachia; Paul Ciangura; Antonio Cilia; Mario P. Cortis; Carmelo Farrugia; Paul Farrugia; Henry P. Fenech; John R. Fenech; Biagio Galea; Romeo Galea; Francesco Giordmaina u Peter Paul Vassallo.

IF YOU WANT TO LOOK ELEGANT, MAKE IT A POINT TO VIEW THE LARGEST COLLECTIONS OF WEARING APPAREL EXCLUSIVELY AVAILABLE AT

# JOHN GERANZI

**St. John's Square, VALLETTA.**

**Tower Road, SLIEMA.**

REQUIREMENTS FOR ALL CLASSES AND AGES ARE EQUALLY MET WITH AT THE SAID SHOPS.

NEVER FAIL TO HONOUR US WITH YOUR VISIT IF THE ITEM YOU INTENT TO PURCHASE IS EITHER CLOTHING, UNDERWEAR, NIGHTWEAR, OR SUCH COMMODITIES AS PILLOW-CASES, SHEETS, TOWELS, etc.

Dawn is-Sinjuri ħadmu fil-Kumitat, iżda ma laħqux raw il-frott tal-ħidma tagħhom billi Alla l-Imbierek għoġbu jsejħilhom għall-premju ta' dejjem:—

W.R. Saċ. Carmelo Lia, Kappillan tar-Rabat, u Patrun tal-Kumitat; Nutar Francesco Catania, President Onorarju tal-Kumitat u President tal-Kummissjoni Propaganda; Rev. Kan. Koll. Antonio Ebejer, S.Th.D.; Rev. Kan. Koll. Anġ. Copperstone, H.C.F., Membri.

# PAWLU U MALTA

*Mill-Prof. Dun P.P. SAYDON*

"X'ħin konna meħlusin, għarafna li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies ta' hemm urewna tjubija li ma bħalha; ġabruna u qabbdu nar minħabba x-xita li kienet laħqet u l-bard. Mela Pawlu ġema' qabda ħatab u tefgħu ġon-nar; ħarġet lifgħa minħabba s-sħana u qabdet ma' idu. Malli raw in-nies tal-pajjiż il-bhima mdendla ma' idu, bdew igħidu wieħed lill-ieħor: Dar-raġel tassew li hu xi qattiel, għax, għalkemm ħeles mill-baħar, il-Ħaqq ma ħallihx igħix. Imma Pawlu farfar il-bhima finnar u ma ġratlu ebda ħsara. Huma kienu jistennewh jarawh jintefaħ u jaqa' mejjet minnufih. Wara li damu jistennew ħafna u raw li ma ġralu xejn barra mit-triq, biddlu fehmithom u bdew igħidu li kien alla.

"Mela f'dawk l-inħawi kien hemm ir-raba' tal-Ħakem tal-gżira, li kien jismu Publju. Laqagħna u żammna tlitt ijiem bil-qalb. Ġara li missier Publju kien mixħut, marid bid-deni u sabb id-demm. Daħal Pawlu ħdejh, talab, qiegħed idejh fuqu u fejqu. Wara dan, il-morda kollha li kien hemm fil-gżira ġew għandu u kienu mfejqin. Huma wrewna ġieħ kbir u, x'ħin konna sa nitilqu, tawna kull ma konna neħtieġu." (Atti 28, 1-10).

Għalina l-Maltin din hi l-isbaħ paġna ta' l-Iskrittura kollha u għandha tkun tant għażiża għalina li kull wieħed minna għandu jkun jafha bl-amment. Fi ftit kliem San Luqa jgħidilna l-istorja kollha ta' Pawlu f'Malta: il-laqgħa li għamlulu l-Maltin u l-mirakli li għamel magħhom. U min jaf kemm ħwejjeġ oħra kien igħidilna S. Luqa kieku qagħad isemmilna ħaġa ħaġa kull ma għamel S. Pawl fostna matul dawk it-tliet xhur imbierka. Biex aktar ngħożżu l-ftit li kiteb S. Luqa ħalli nifhu ftit kliemu.

San Luqa jibda biex igħidilna li malli l-baħrin u n-nies kollha tal-bastiment qabdu l-art għarfu li dik l-art kienet il-gżira ta' Malta. Qabel fil-kap 27, 39 kien qal li meta lemħu l-art ma għarfux x'art kienet. Hemm min igħid: Kif jista' jkun li l-baħrin, li min jaf kemm kienu baħħru f'dawk l-ibħra ma għarfux il-gżira ta' Malta? Jekk ma kinux jafu x'jisimha l-gżira qabel ma niżlu l-art, dan ifisser li l-gżira ma kinitx Malta, imma xi gżira oħra anqas magħrufa minnha. Le. Il-bastiment li fuqu kien Pawlu kien Grieg jew Lixandrin (27, 6) u l-baħrin kienu Griegi. It-triq tiegħu kienet mill-Lvant għal Sqallija, dritt bla ma jmiss 'il Malta. Mhix ħaġa kbira li la l-kaptan u lanqas il-baħrin qatt ma għaddew Malta u qatt ma baħħru qrib Malta. Terġa', jekk il-kptan u l-baħrin kienu ġew Malta drabi oħra kienu jafu biss il-portijiet il-kbar ta' Malta, mhux id-daħla tal-Mellieħa jew ta' San Pawl il-Baħar. Mela ma għandniex għax nistagħġbu jekk ħadd min-nies tal-bastiment ma għaraf l-art ta' Malta qabel ma kienu fuqha u staqsew lin-nies tal-post.

Fit-tieni vers insibu kelma li ma tantx togħġobna. San Luqa l-Maltin isejħilhom "barbri" (barbari, barbarians, bil-Grieg barbaroi). Din il-kelma ġġibilna quddiem għajnejna nies slavaġ, igħixu bħal bhejjem, u nħossu weġgħa ta' qalb meta naħsbu li l-Maltin kienu nies ta' din il-qatgħa, nies kiefra, ħorox, qalbhom ħażina. Iżda fl-istess vers S. Luqa jfaħħar il-Maltin għat-tjubija ta' qalbhom u aktar 'il quddiem igħidilna li l-Maltin kienu nies ta' sentimenti reliġjużi għolja. Kif jista' jkun li S. Luqa, bniedem ta' l-iskola, jikteb li l-Maltin kienu slavaġ u fl-istess ħin

# ITS THE BEST VALUE FOR MONEY TO-DAY BECAUSE ITS BETTER BUILT TO LAST LONGER

## ITS THE SUPREME

# HILLMAN MINX

AVAILABLE AS SALOON — ESTATE CAR AND CONVERTIBLE IN A WIDE RANGE OF DISTINCTIVE COLOURS.

*LET US ARRANGE A DEMONSTRATION NOW*

*Dial* 21205 — *Call or Write to*

# INDUSTRIAL MOTOR CO.

**National Road BLATA L-BAJDA**

***A PRODUCT of ROOTES MOTORS***

kienu nies tajba u reliġjużi? Għalhekk naraw x'ried ifisser biha l-kelma 'barbri'. Il-kelma 'barbri' bil-Grieg u bil-Latin tfisser "wieħed li jitkellem ilsien li ma jiftieħemx." Hekk S. Pawl fl-ewwel ittra lill-Korinti 14, 11, igħid: "Jekk jien ma nafx x'ifisser il-ħoss (tal-kliem), inkun barbri għal min jitkellem, u min jitkellem ikun barbri għalija." Jiġifieri jekk tnejn jitkellmu kull wieħed l-ilsien tiegħu u ma jiftiehmux, ikunu t-tnejn barbrin. U l-poeta Latin Ovidju fl-eżilju tiegħu jgħid:



*IR-RELIKWJA INSINJI TA' L-ID TA' SAN PAWL LI TINSAB MEQJUMA FIS-SANTWARJU NAZZJONALI TAL-GROTTA*

*Din l-Id tad-deheb finissimu, kienet ġiet irregalata lill-Grotta mid-Duka Ferdinando ta' Mantova, fis-sena* 1620.

"Jien hawn barbri, ma jifhimni ħadd." Mela l-Maltin kienu barbrin għax ma kinux jifhmu l-ilsien ta' San Pawl jew għax kienu jitħaddtu bi lsien li ma kienx jiftiehem minn San Pawl, jiġifieri l-Maltin dak iż-żmien ma kienux jitkellmu bil-Grieg, ma kinux Griegi. Dan hu li tfisser il-kelma 'barbri', u għalhekk fit-traduzzjoni Maltija

# LOUIS BARTOLI & SONS

## CANDLE MANUFACTURERS

## RABAT - MALTA.



GHAL EKONOMIJA, PULITIZZA

U INDAFA

U INDAFA UZAW DEJJEM

## IX-XAMA TA' L-ANGLU

---

# DOLCERIJA

*TA'*

**LEWIS SAMMUT**

(*TA' FENKA - Ħdejn l-iskola*)

---

Il-Ħanut tax-Xogħol
EMILY u MARY
ta' Triq John Borg - Birkirkara

---

Fergħa tagħhom ukoll
44, Triq San Pawl - ir-Rabat
Tel. Rabat 337

*Narfu lil Klienti illi d-Ditta tagħna kienet ġiet trasferita minn 51, Pjazza Sant Elena, Birkirkara. Għaldaqshekk aħna m'għandniex x'naqsmu ma Ditti oħra.*

# POINT DE VUE HOTEL

## 3/7, THE SAQAJJA, RABAT

(PROP: JOS. CAMILLERI)

MAGNIFICENT VIEW

HOT & COLD

RUNNING WATER

*MODERATE TERMS*

Telephone No. Rabat 117.

flok 'barbrin' għidt "in-nies ta' hemm" (vers 2) u fil-vers 4 "in-nies tal-pajjiż" li huma n-*natives*, l-*indiġeni*.

Il-Maltin kif raw in-nies tal-bastiment imxarrbin għasra telgħin mill-baħar ħennew għalihom. Riedu jsaħħnuhom. Niftakru li kien fi ħruġ ix-xahar ta' Novembru, u l-bard kien beda ġmielu. Għalhekk ġabru ftit ħatab, li kien xi friegħi niexfa, u qabbdu ħuġġieġa. Pawlu medd idejh ukoll jiġbor il-ħatab u kif tefgħu jew qiegħdu ġonnar, toħroġ lifgħa u taqbad ma' idu. Beżgħu l-Maltin malli raw dan, għax kienu jafu li l-lifgħa kienet velenuża, u għalhekk ħasbu li Pawlu kellu jmut avvelenat mill-gidma jew tinġiża tal-lifgħa. U hawn tinqala' diffikultà oħra. Malta ma hawnx sriep velenużi. Mela l-post fejn wasal S. Pawl ma kienx Malta imma x'imkien ieħor. Le. Jekk il-lum Malta ma hawnx sriep velenużi, dan ma jfissirx li qatt ma kien hawn. Seta' kien hawn u nqerdu. Fi żmien San Pawl Malta ftit kienet imgħammra. Ftit djar u ħafna siġar u raba' mhux maħdum fejn l-annimali kellhom wisa' kemm iridu fejn jiġru u jimirħu bla ma jfixkilhom ħadd. Maż-żmien beda jiżdied il-bini u r-raba' jinħadem aktar. Mhix ħaġa kbira li xi annimali, fosthom is-sriep velenużi, inqerdu għal kollox. Għalhekk jekk il-lum ma hawnx sriep velenużi, ma nistgħux ngħidu bil-fors li qatt ma kien hawn.

Il-Maltin, malli raw il-lifgħa mdendla ma' id Pawlu, mhux biss ħasbu li kellu jmut imma ġie f'moħħhom ħsieb reliġjuż għoli. Ħadd ma jista' jaħrab il-ġustizzja ta' Alla. Pawlu kien priġunier sejjer biex ikun ikkundannat Ruma. Dan kien jidher u kienu jafuh. Kien xi qattiel li kien ħaqqu kastig. Ħelisha mill-baħar, imma issa sa jitħallas mil-lifgħa. Igħid San Ġwann Griżostmu: "Il-Maltin kienu jemmnu li Alla jinsab kullimkien u li ħadd ma jista' jaħrab għal dejjem il-kastig tiegħu." Kliem li juri s-sentiment reliġjuż tal-Maltin.

Imma S. Pawl ma miet bil-gidma, ma ġralu xejn. Kif jista' jkun? Mela Pawlu ma kienx bniedem bħalhom. U jekk ma kienx bniedem, kien alla. Hekk ħasbu u hekk qalu. Setgħu qalu li kien saħħar, imma f'Pawlu ma rawx ħlief xi ħaġa aqwa minn bniedem bħalhom. U dan kien veru, għax jekk ma kienx alla, kellu setgħa kbira minn Alla li biha kien jista' jmewwet il-qawwa tal-velenu tas-sriep (Mark 16, 18). U hekk naraw li l-iżball tagħhom stess kien iressaqhom lejn il-verità.

F'dawk l-inħawi, igħid San Luqa, jiġifieri bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar jew Selmun, kien hemm ir-raba' tal-Ħakem tal-gżira. Skond ma jaħsbu, Publju kellu d-dar tiegħu fuq l-għolja tal-Wardija fejn il-lum hemm il-Knisja ta' San Pawl Milqgħi. Il-kelma 'Ħakem' bil-Grieg hi *Protos* li tfisser 'l-ewwel' u hi titolu li nsibuh fuq muniti u f'iskrizzjonijiet ta' dak iż-żmien. Mela Publju kien l-ewwel u l-aqwa wieħed fil-gżira jew, kif ngħidulu l-lum Gvernatur. Għalkemm naħsbu li kellu dar kbira, ma nafx kif seta' jżomm mitejn u sitta u sebgħin raġel għandu. Jista' jkun li qassamhom fi djar oħra tiegħu fil-qrib. Missier Publju kien marid bid-dissenterija. Mhix ħaġa kbira, igħid Sir Temi Zammit, meta naħsbu li f'dawk l-inħawi kien hemm ħafna ilma qiegħed. Ix-xjuħ forsi għadhom jiftakru l-Pwales mgħawwem kollu ġo l-ilma. Pawlu malajr fejjaq lil missier Publju bis-setgħa li ta Alla lilu u lill-Appostli kollha (Mark 16, 18). L-aħbar tal-fejqan ta' missier il-Gvernatur malajr xterdet mal-gżira kollha u kemm kien hemm morda ġarrewhom kollha għand Pawlu li fejjaqhom kollha.

San Pawl u sħabu damu tliet xhur Malta, jiġifieri x-xitwa kollha. X'għamel matul dan iż-żmien ma nafux għax San Luqa ma jgħidilna xejn. Imma nistgħu nistħajlu lil San Pawl imdawwar bil-Maltin fil-Grotta, fejn skond it-tradizzjoni għammar San Pawl jew x'imkien ieħor li jesa' ħafna nies ifissrilhom it-tagħlim nisrani, jurihom li m'hemmx ħlief Alla wieħed li ħalaq kollox, li ħalaq lilu u lilhom u kull ma hawn fid-dinja; li dan Alla bagħat l-Iben tiegħu magħmul bniedem fid-dinja biex jifdina mid-dnub u jeħodna l-ġenna miegħu; li biex isalvaw jeħtieġ jem-

**When it is a case of Stationery,**

**Printing or**

**Writing Instruments**

# THERE IS ONLY

# THE A.B.C.

of SOUTH STREET and OLD BAKERY STREET,

VALLETTA

***FOR QUICK AND EFFICIENCY SERVICE.***

---

**The Scotch '3 M' magnetic TAPES are the best known in the world.**

***Suitable for any tape recorder.***




# NANI

*(Sole Distributor)*

8 South Street, VALLETTA — 81, Tower Road, SLIEMA.

mnu f'Alla Wieħed u f'Ġesù Kristu u jgħixu kif irid Hu. Nistħajlu naraw il-Maltin jisimgħuh b'sikta u attenzjoni kbira u joqogħdu għal kull ma jgħidilhom. Nistħajlu naraw ukoll lil San Pawl igħammed il-Maltin li emmnu u magħhom fuq mejda waħda jbierek u jiekol il-Ħobż Ewkaristiku. Dan kollu nistgħu bir-raġun nistħajluh, għalkemm San Luqa ma jgħidilna xejn. Ħaġa waħda nistgħu ngħidu fi żgur: Il-Maltin ħabbewh lil San Pawl u San Pawl ħabbhom bħalma ħabb insara oħra. L-insara ta' Ruma, li ma kienx jafhom, Pawlu jifraħ bihom (Rum. 16, 19). Il-Korintin huma "Wlied maħbubin" (1 Kor. 4, 14; 10, 14). Lit-Tessalonkin jiktbilhom: "Aħna konna kollna ħlewwa magħkom; bħalma mreddgħa tħaddan 'l uliedha, hekk għożżejniekom ferħanin li nagħtukom mhux biss l-Evanġelju ta' Alla, imma lilna nfusna, għax sirtu għeżież għalina (1 Tess. 2, 8) u jżid: "Aħna konna għal kull wieħed minnkom bħal missier ma' wliedu" (2, 11). U kliem bħal dan, li juri mħabba l-aktar kbira ta' missier lejn uliedu, jikteb S. Pawl lill-insara kollha. U jista' jkun li lill-Maltin ma kienx ikellimhom b'dik l-istess qalb li biha kien ikellem insara oħra? Kemm il-Maltin ħabbew lil San Pawl igħidilna San Luqa bil-kliem: "Huma wrewna ġieh kbir" li jfissru li l-Maltin mhux biss irrispettaw lil San Pawl u lil dawk li kienu jgħinuh fit-tagħlim imma wkoll kienu jgħinuhom bl-ikel u ħwejjeġ oħra tal-bżonn.

Meta wasal iż-żmien li San Pawl kellu jitlaq minn Malta biex jibqa' sejjer Ruma, il-Maltin kollha ġew ix-xatt jew wassluh sax-xatt biex jagħtuh l-aħħar tislima u jieħdu minn għandu l-aħħar barka ta' Missier. Mhux dan biss. Biex jibqgħu juruh sa l-aħħar kemm kienu obbligati lejh talli għamel magħhom ġiebulhom ikel u ħwejjeġ oħra kemm kellhom bżonn matul il-vjaġġ sa Ruma.

Din hija l-istorja kif igħidhielna San Luqa. X'nitgħallmu minnha? L-ewwel u l-aqwa ħaġa hija l-laqgħa li għamlu l-Maltin lil San Pawl u lil sħabu. Mhux biss ġabruhom u saħħnuhom u tawhom l-ikel, imma qagħdu wkoll għat-tagħlim ta' San Pawl. It-tagħlim ta' Pawlu għalihom kien iċ-ċaħda ta' kull ma kienu jemmnu u l-bidla tal-ħajja li kienu għexu qabel ma' ħajja ġdida, il-bidla tal-ħajja pagana mal-ħajja nisranij. Il-Maltin kellhom jitilqu dik il-ħajja materjali li biha kienu mdorrijin u jibdew igħixu ħaja li kienet mibnija fuq il-wegħda ta' ħajja oħra ahjar. Jekk aħna stess insara xi drabi nsibuha tqila l-liġi tagħna nisranija, kemm aktar tqila kellhom isibuha missirijietna ta' żmien San Pawl? U madankollu huma laqgħuha u żammewha. Ma nkunux aħna anqas minnhom.

---

# IL-VJAĠĠ TA' MISSIERNA SAN PAWL MINN CESAREA GĦAL RUMA

*Minn Fr. GUIDO SCHEMBRI, S.Th.Doct., S.Script.Lic. (Vat.), & Lect. Glis. (Jerus.).*

Pawlu għadda x-xitwa tas-sena 58 jiżra' u jsaħħaħ il-kelma ta' Ġesù f'Korintu u fl-ewwel jiem ta' Marzu ta' l-istess sena telaq lejn is-Sirja biex jasal Ġerusalemm għal Għid il-Ħamsin. Sa minn qabel ma beda l-vjaġġ sar jaf li l-Lhud riedu jeqirduh darba għal dejjem. L-għan tagħhom kien li joqtluh fuq ix-xini waqt li qed ibaħħar lejn is-Sirja. Għalhekk Pawlu biddel il-ħsieb tiegħu u mexa kemm seta' fuq l-art. F'Filippo għadda l-festi tal-Għid il-Kbir u wara t-tmint ijiem tal-btala telaq ma' Luqa lejn Troade u minn hemm għal Mileto fejn sellem lill-kbarat tal-Knisja ta' Efesu.

Wara xi tlitt ijiem f'Mileto, Pawlu baħħar lejn is-Sirja. Issa beda jħoss bħal




# Gancia

*Sole Agents*: FIRM PAOLO BONNICI

257, St. Paul's Street, Valletta. Phone: 24069.

għaġġla biex jasal malajr Ġerusalemm mhux biss biex jagħti l-flus li kien ġabar tul it-tliet vjaġġi missjunarji lill-kbarat tal-Knisja ta' Ġerusalemm, iżda għaliex ħass qawwa kbira ġewwa fih tgħaġġlu lejn il-Belt Imqaddsa. B'danakollu hu fehem li żmien ikreh kien riesaq fuqu. F'Tiro tas-Sirja, l-insara għamlu kemm setgħu biex ma jħalluhx jersaq lejn Ġerusalemm. F'Cesarea, ġewwa d-dar ta' Filippu l-Evanġelista, erba' xebbiet verġni baxxru lil Pawlu dak li minnu kellu jgħaddi fil-Belt Imqaddsa. Hemm ukoll wieħed profeta jismu Agabo resaq bilġri mill-Lhudija biex igħarraf lill-Appostlu li kemm-il-darba jirfes f'Ġerusalemm kien hemm il-ktajjen u l-moħqrija lesti għalih. Imma Pawlu dak li ried: ibati u jissallab għal Kristu. Kemm laqtu tajjeb lil Pawlu l-kbir poeta Malti Karmenu Vassallo meta bi kliem magħżul u mirqum kiteb:

*Ħadd ma jbeżżgħu lil Pawlu, u xejn ma jżommu:*
*It-tnassis ta' l-egħdewwa, il-ħabs, il-ġuħ,*
*Tbatijiet u moħqrija*
*Xejn ma jaqtgħulu qalbu . . . . .*

Mill-Knisja ta' Ġerusalemm Pawlu kellu laqgħa mill-isbaħ. Imma l-insara qalulu wkoll x'riedu minnu l-Lhud. Għaldaqstant ħajruh biex imur jagħti qima 'l Alla fit-Tempju ta' Ġerusalemm biex b'hekk jurihom li ma kellu xejn f'qalbu, kif ħasbu, kontra l-Liġi ta' Mosè. Pawlu hekk għamel; imma kif kien fit-Tempju qam irvell kbir u l-Lhud ħabtu għalih u żgur li kienu joqtluh kieku ma resqux malajr is-suldati Rumani mill-fortizza Antonja. Lisja, il-kmand tas-suldati Rumani, rabatlu idejh b'żewġ ktajjen u l-għada bil-lejl bagħtu lejn Cesarea biex jidher quddiem il-Prokuratur Ruman Antonius Felix.

F'Cesarea Pawlu kellu jgħaddi sentejn fil-Pretorium Herodis fejn kienu jinżammu l-ħatjin u fejn, fis-swali tal-Palazz ta' fuq il-ħabs, kien joqgħod il-Prokuratur Ruman fil-Palestina. Wara ħamest ijiem li kien ilu hemm, il-Qassis il-Kbir Ananija u l-Avukat Tertullo waslu minn Ġerusalemm biex jixlu lil Pawlu quddiem il-qorti ta' Felix. Xlewh li kien każbar il-Liġi ta' Mosè u t-Tempju, iżda l-kliem fieragħ tagħhom ma sewa għal xejn. Felix, min-naħa tiegħu, seta' u kien fid-dmir li jeħles lil Pawlu, imma kien bniedem rgħib u ried idaħħal xi kemxa flus sewwa f'butu qabel ma jeħilsu. Iżda l-flus ma waslux u Pawlu baqa' marbut sakemm minflok Felix ġie Portius Festus bħala Prokuratur ġdid tal-Palestina. Matul dan iż-żmien Pawlu ma qagħadx għażżien, imma ħadem bl-istess ħerqa li dejjem xegħlet f'qalbu u fin-niket tal-ħabs wieled bosta erwieħ għall-ħajja tal-Vanġelu.

Meta wasal Festus mar dlonk Ġerusalemm biex jara l-Kbarat tal-Lhud u fl-għaxart ijiem li dam hemm kellimhom ukoll fuq Pawlu minn Tarsu miżmum fil-ħabs ta' Cesarea. Meta mbagħad reġa' lura f'Cesarea ressaq lil Pawlu quddiem il-Qorti tiegħu u quddiem il-Kbarat Lhud li reġgħu niżlu minn Ġerusalemm biex jixluh. Imma issa Pawlu qatagħha fil-laħam il-ħaj u billi kellu l-jedd, bħala sudditu Ruman, li jidher quddiem il-qorti ta' Cesare, talab li jingħatalu ħaqq ġewwa Ruma. Festus kellu jilqa' t-talba tiegħu u minn dak il-jum beda jaħsiblu għall-vjaġġ.

Fil-ħarifa tas-sena 60 bastiment li kien sejjer lejn Mira ħalla l-port ta' Cesarea u beda jbaħħar lejn l-Asja Minuri. Pawlu kien hemm fuqu taħt il-ħarsien ta' bniedem ta' qalb nobbli, iċ-Ċenturjun Ġulju. L-għada li telaq, il-bastiment waqaf ġo Sidone u hemm Pawlu għadda jara l-insara biex isellmilhom għall-aħħar darba. Ftit wara, ix-xini reġa' baħħar u kiser minn fuq Ċipru minħabba r-riħ li kien qed jonfoħ sewwa min-naħa tal-Punent. F'Mira, belt tal-Liċja, iċ-Ċenturjun Ġulju biddel il-bastiment u tella' n-nies tiegħu fuq bastiment ieħor ġej minn Lixandra u sejjer bil-qamħ lejn Ruma. Kien "Navis Oneraria", jiġifieri bastiment tas-Senat ta' Ruma li kien jgħabbi madwar it-300 tunnellata.

Il-bastiment ma damx ma ħalla lil Mira, imma malli beda jbaħħar il-baħar kien imqalleb sewwa. Wara xi jiem ix-xini wasal quddiem Knido, kiser lejn nofsinhar ta'

TEA TEA

LION BRAND
FINEST PURE TEA

*INSIST ON*

# LION TEA

*FOR BEST QUALITY*

QUALITY ECONOMY

Kreta u daħal fil-port ta' Buoni Porti. Hemm iċ-Ċenturjun, il-kaptan, il-pilota u Pawlu ltaqgħu biex jiftehmu jekk jibqgħux f'Buoni Porti jew imorru jsibu kenn f'Fenice li kien port aktar kenni, Pawlu ried jibqa' f'Buoni Porti, imma għaddiet tal-kaptan u x-xini ħalla l-port u beda jbaħħar.

Malli l-bastiment ħareġ mill-port, il-baħar sar infern: ħalel kbar bdew jgħattuh u l-irjieħ bdew jonfħu bla heda. Kien il-Grigal, ir-riħ li difen eluf kbar ta' baħħara taħt il-mewġ tal-baħar tagħna. Billi kien diġà għadda l-Kippur, jum is-sawm tal-Lhud, u hekk Ottubru kien wasal fit-tmiem tiegħu, ma kienx hemm tama li l-baħar jibnazza; kien żmien il-maltemp, xhur koroh għall-baħħara. L-għada l-baħrin ħaffu l-bastiment mit-toqol u tefgħu ħafna qamħ fil-baħar. Imma kien kollu għal xejn. Il-baħar aktar tqawwa u wara tlitt ijiem is-sema tgħatta bi sħab sewdieni u la x-xemx ma bdiet tidher u lanqas il-kwiekeb ma feġġu mal-lejl. Il-baħrin qatgħu kull tama u aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar bdew iħossuhom qed joqorbu lejn il-mewt. Ħadd ma seta' jiekol u kull raġel li kien hemm fuq il-bastiment beda jħossu dgħajjef u qisu mejjet.

F'dak il-qtugħ ta' qalb Pawlu kellu dehra u aħbar mis-Sema. Anġlu t'Alla qallu biex iqawwi qalbu għax kellu jasal Ruma u li ebda bniedem li kien hemm fuq il-bastiment ma kien sejjer jintilef. Għalhekk ġabar in-nies kollha madwaru u qawwielhom qalbhom x'ħin għarrafhom b'dak li qallu l-Anġlu.

Sadattant il-bastiment baqa' miexi mal-Grigal, imkaxkar minn ħalel waħxija. Fl-erbatax-il lejl mit-tluq minn Buoni Porti, il-baħrin ħassew li kienu qrib l-art. Kollha tama u ħeġġa niżżlu l-kejl biex iqisu l-fond tal-baħar u sabu li kien l-ewwel 20 qasba, imbagħad 15. Kien sinjal li l-art kienet fil-qrib sewwa. Biex ma jħallux il-bastiment jitfarrak mal-blat, il-baħrin tefgħu l-erba' ankri tal-poppa u bdew jistennew li jisbaħ. Malli feġġ l-ewwel dawl tal-jum, Pawlu stieden lil kulħadd jiekol u jqawwi qalbu. Wara li kulħadd kiel, bdew iħaffu x-xini mit-toqol. Imbagħad raw daħla b'xatt fiha u għamlu biex jidħlu hemm, imma huma u sejrin il-bastiment inkalja f'post ta' żewġ kurrenti: il-pruwa baqgħet imwaħħla x'ħin il-poppa tfarrket mal-qawwa tal-mewġ.

Fi ġrajja bħal din iċ-Ċenturjun kellu joqtol il-priġunieri kollha biex ħadd ma jaħrab, imma Ġulju ried il-ħajja ta' Pawlu u għalhekk amar li kulħadd jagħmel kif jista' biex jasal fuq ix-xtajta. Hekk għamlu u kulħadd wasal qawwi u sħiħ fuq ix-xatt. Hemm dawk il-276 ruħ li kien hemm fuq il-bastiment intebħu li l-art kienet Malta. Missirijietna ġrew malajr madwarhom u tawhom kull wens u għajnuna.

F'Malta Pawlu għadda tliet xhur sħaħ, minn Novembru sa Jannar, ifejjaq il-morda fil-ġisem u fir-ruħ. Matul dan iż-żmien minjaf kemm ta d-dawl lil erwieħ u min jaf kemm ġibed qlub lejn Ġesù. Narawh lil Pawlu ħdejn is-swar tar-Rabat igħallem lil misserijietna u jkellimhom fuq Ġesù, l-għożża ta' qalbu.

Pawlu radd lil Ġesù din il-gżira ommna u welidha għad-dawl tal-Vanġelu fit-tbatija tal-għarqa. Welidna fin-niket li ġiebulu l-ktajjen li kellu marbutin ma' idu. Welidna wara l-hemm li ġarrab fis-safra minn Ċesarea għal gżiritna. Fl-uġigħ u l-hemm tal-burraxka tnebbaħ mis-sema li kellu jasal fostna u jsir missierna. Bħal kull missier ieħor hu baqa' jbati fit-tiġrib ta' bintu Malta, fit-twegħir li ġarrbet matul iż-żminijiet biex iżżomm sħiħa l-għożża ta' missierha: it-twemmin fi Kristu Ġesù.

It-tbatija tal-vjaġġ minn Ċesarea għal Malta swiet bosta. Swiet għaliex permezz tagħha Pawlu wieled bint li baqgħet tħobbu. X'ħin il-Knejjes li waqqaf kollha ħallewh u kasbru tagħlimu, Malta biss baqgħet bintu fidila u għażiża. Pawlu għadu sal-lum ibierek it-tiġrib li ħass fl-erbatax-il jum tal-burraxka. Baqa' jbierku għax ħadd ma baqa' jħobbu bħal Malta tiegħu. Minn dak il-jum tal-għarqa Malta

MAKNI TAL-ĦJATA

# SINGER

## ROHS KBIR FIL-PREZZIJIET

Bi £ 28. 10. 0.

il-lum tista' tixtri makna tal-ħjata tas-saqajn

**SINGER**

li tħit, tirrakkma, timla, tagħmel refki, ġmiegħ, piegi u xogħolijiet oħra. Jekk trid b'din il-makna tista' tagħmel ukoll iż-żigżag u l-aċċetti.



* Il-makni tal-ħjata SINGER għandhom garanzija tul għomorhom.

* Lezzjonijiet B'XEJN tal-ħjata u tar-rakkmu.

* Kundizzjonijiet vantaġġjużi għal ħlas bit-tant fix-xahar.

**Ghal hjata fid-dar SINGER l-ahjar.**

saret ta' Pawlu u Pawlu ta' Malta, saru tnejn f'qalb waħda, f'imħabba l-aktar sħiħa mkebbsa min-nar tal-qalb taħraq ta' Kristu Ġesù.

Ir-Rabat kien fejn Pawlu ddewwa mit-tbatija tal-vjaġġ imwiegħer. Ir-Rabat hu l-post l-aktar għażiż għal Pawlu. L-Areopago ta' Atene u l-Forum ta' Korintu, Efesu, Filippu u ta' tant bliet oħra nsew tagħlim Pawlu. Imma dak l-Għar Imqaddes li hemm fir-Rabat żamm kliemu u bħal xemx idda mal-gżira kollha u ma' l-imkejjen fejn jinsabu l-Maltin biex idawwal l-imħuħ u jkebbes il-qlub bit-tagħlim ta' Ġesù.

Jalla Malta tibqa' għal dejjem bint Pawlu u tieqaf lil kull taqbida kif għamlet għal dsatax-il mitt sena sħaħ. Jalla t-tagħlim li tana Pawlu fir-Rabat jibqa' d-dawl ta' ħajjitna. Jalla Malta tibqa' ta' Pawlu u Pawlu ta' Malta sat-temma taż-żminijiet.

# TIFKIRIET PAWLINI FIL-POST TAN-NAWFRAĠJU

*Minn Patri F. SAMMUT, O.F.M.Conv.*

Mal-monumenti Pawlini li jinsabu fir-Rabat, speċjalment il-Grotta ta' San Pawl, li jfakkruna fil-qagħda ta' l-Appostlu Missierna fil-Gżira tagħna, insibu wkoll dawk li hemm f'San Pawl il-Baħar, f'dak l-istess post fejn sar in-Nawfraġju u fejn San Pawl u sħabu ġew milqugħa għal tlitt ijiem fil-palazz ta' Publju, li dan kellu f'dawn l-inħawi.

L-istess isem tal-post jibda biex ifakkarna fil-kbir Appostlu, li sa minn żmien wisq qadim ġie mogħti lil dan il-post u lid-daħla kbira tal-baħar tiegħu, li skond kif dejjem żammet it-tradizzjoni, f'dan il-post ġara n-nawfraġju Pawlin li tiegħu din is-sena qed niċċelebraw id-dsatax-il ċentinarju.

Xhieda tal-qedem ta' din it-tradizzjoni ħallewhielna żewġ kittieba ta' min jorbot fuqhom, wieħed huwa d-Duttur ta' Sarbona Giovanni Eduo Quintino, li kien Awditur tal-Gran Mastru L'Isle Adam. Dan, fl-ittra li kiteb lil Sofo fl-20 ta' Jannar 1533, qal: "Jista' wieħed iżur ix-xtajta ta' post l-aktar importanti msemmija minn żmien l-aktar qadim (vetustissime) għal San Pawl; għax hemm dan sofra n-nawfraġju. Hemm tinsab knisja ċkejkna tal-ġebel li hi wisq meqjuma."

Il-kittieb l-ieħor huwa l-Viżitatur Apostoliku Mons. Duzina, li kien ġie mibgħut mill-Papa Gregorju XIII biex jagħmel il-viżta lid-Djoċesi ta' Malta fis-sena 1575. Dan ħalla miktub hekk dwar il-Knisja li hemm fix-xtajta ta' San Pawl il-Baħar: "Knisja ta' San Pawl ma' ġenb ix-xtajta tal-baħar fejn Pawlu, wara n-nawfraġju tiegħu, l-ewwel ma rifes l-art. Għall-qima tiegħu ġiet imwaqqfa din il-knisja u l-baħar ta' dan il-post ġie msemmi: *La Cala (scalo) di S. Paolo.*"

Xhieda oħra huwa l-isem ta' "Għajn Rażul", kelma qadima wisq li bil-Malti tfisser Għajn ta' l-Appostlu. Din hija għajn ta' ilma ġieri li tinsab fuq ix-xtajta tan-naħa ta' nofs in-nhar tal-port ta' San Pawl, ftit qabel ma tilħaq ir-ramla tal-Pwales. Dan l-isem ta' Pwales ukoll, xi wħud iridu jgħidu li għandu relazzjoni ma' l-isem ta' l-Appostlu Missierna. Imma l-aqwa tifkiriet Pawlini f'dawn l-inħawi huma ż-żewġ knejjes żgħar ta' San Pawl, li waħda minnhom tinsab fix-xtajta u l-oħra fuq Bur Marrad, imsejħa ta' "San Pawl Milqgħi."

Dawn iż-żewġ Santwarji għandhom importanza speċjali, għaliex ġew imwaqqfa fl-istess post fejn ġraw episodji imoprtanti tan-Nawfraġju Pawlin u t-tnejn għandhom storja twila u glorjuża ta' l-eżistenza tagħhom tul ħafna sekoli. Id-data ta' l-ewwel twaqqif tagħhom tinsab midfuna fil-qedem taż-żminijiet wisq imbegħda.

*IS-SANTWARJU TAL-ĦUĠĠIEĠA*

Dan ġie mwaqqaf fix-xtajta fejn San Pawl ħeles mill-għarqa u flimkien ma' sħabu ġie milqugħ bi ħniena kbira mill-Maltin li qabbdulhom ħuġġieġa kbira biex isaħħnuhom (Act. 28: 2). Hawn ġara l-miraklu tal-lifgħa li aktarx ta l-ewwel okkażoni lil San Pawl li jkellem lill-Maltin dwar il-veru Alla.

Skond l-istoriċi tagħna, din il-knisja kienet ġiet mill-ġdid mibnija u ddotata mill-Konti Ruġġieru fis-seklu ħdax. In-nobbli familja Desguanez u Bordino kienu reġgħu waqqfuha aktarx fis-seklu ħmistax u ħallew fiha l-armi tagħhom. Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt reġa' bniha mill-ġdid fis-sena 1615 u l-Isqof Cagliares berikha u fil-Viżta Pastorali tas-sena 1617 ħalla ordni lill-Kanonku Dun Ġwann Abela, Rettur tal-Knisja, biex iwaqqaf salib u jibni ħajt madwar iċ-ċimiterju li kien hemm.

Fis-sena 1620, il-Gran Mastru Wignacourt qala' bolla mingħand il-Papa Pawlu V li biha dan is-Santwarju ġie inkorporat mal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat u mżejjen bl-istess immunitajiet, prerogattivi, privileġġi u indulġenzi, u ħalla l-obbligu lill-Kulleġġ tal-Kanonċi minnu mwaqqaf li jieħdu kura tiegħu u fih jiċċelebraw quddies, festi u funzjonijiet oħra matul is-sena.

Il-loġoġ ta' madwar is-Santwarju jixhdu kemm dan il-post kien iffrekwentat mill-pellegrini u kemm il-darba saru pellegrinaġġi ġenerali tal-kleru, senat u poplu għal dan il-post imqaddes. Fis-17 ta' April 1693, l-Isqof Mons. Fra David Cocco Palmieri għamel Pontifikal solenni fuq tribuna mwaqqaf apposta qrib dan is-Santwarju bħala ringrazzjament għall-ħelsien mit-terremot li kien ġara f'Jannar ta' dik is-sena.

It-tliet kwadri kbar li jżejnu din il-knisja huma xogħol tal-pittur Leonello Spada, skular tal-Caravaggio, li kien ġie msejjaħ għal dan ix-xogħol mill-Gran Mastru de Wignacourt u ħalla fil-kwadru tan-nofs ix-xbiha ta' l-istess Gran Mastru u tiegħu nnifsu. Dawn il-kwadri b'xorti kbira ġew salvati minn qalb ir-rovini tal-10 ta' Marzu 1942, meta dan is-Santwarju ġie mġarraf b'ħidma tal-gwerra. Kif narawh il-lum dan is-Santwarju ġie mibni mid-Dipartiment tar-Rikostruzzjoni, fuq l-istess pjanta li fuqha kien inbena fi żmien Wignacourt, li aktarx kien qabbad għal dan ix-xogħol, il-famuż arkitett Ġerolamu Cassar. Fis-7 ta' Frar 1956, l-Arċisqof Mons. Gonzi bierek solennement dan is-Santwarju waqt li kien jagħmel il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

*SAN PAWL MILQGĦI*

Din il-knisja tinsab madwar mil u nofs bogħod mill-post fejn ġara n-nawfraġju, fuq għolja li tħares fuq il-wilġa ta' Bur Marrad. Mibnija fuq ir-rovini ta' Villa Rumana li tagħha għadhom jidhru ħafna fdalijiet madwar u fil-qrib. Dawn il-fdalijiet juru ċar li hawn kienet id-dar tal-kampanja fejn Pawlu ma' sħabu ġie milqugħ għal tlitt ijiem bil-qalb minn Publju, li kien "l-Ewwel Bniedem" tal-gżira (Act. 28: 7).

Dan is-Santwarju wkoll huwa wisq qadim kif jidher mill-istess kelma "Milqgħi" li tfisser milqugħ. Skond ir-relazzjoni ta' diversi Viżti Pastorali ta' l-Isqfijiet Molina u Cagliares, il-Maltin fl-antik kienu jiċċelebraw f'dan is-Santwarju ż-żewġ festi tal-Konverżjoni u tal-Martirju ta' San Pawl, barra minn b'quddies u funzjonijiet, anki bit-tqassim ta' ħwejjeġ ta' l-ikel lil 276 foqra, biex b'hekk ifakkru saħansitra n-numru ta' ospiti li laqa' f'daru San Publju. Skond l-istoriċi din id-drawwa kienet inqatgħet fi żmien l-Isqof Senatore de Mello, li kien ta ordni li l-kontribuzzjonijiet jibqgħu jingħataw għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies f'dik il-knisja.

Kull darba li ppruvaw iħaffru madwar dan il-post, ir-riżultati dejjem ikkonfermaw it-tradizzjoni li hemm kienet tinsab villa prinċipeska ta' żmien ir-Rumani.

Dan il-post li jmissu miżmum b'tant għożża minħabba fil-ġrajjiet sbieħ li fihom ifakkarna, il-lum huwa abbandunat u kważi minsi għal kollox. Jalla dan iċ-ċentinarju jqanqal lil xi ħadd biex jirrimedja għal dan in-nuqqas.

Tifkira oħra ta' San Pawl f'dawn l-inħawi hija l-istatwa kolossali ta' l-Appostlu fuq il-gżejjer ta' Selmun. Din ġiet imwaqqfa fis-sena 1845 bit-tħabrik ta' Salvu Borg. L-istatwa hija xogħol ta' Sigismondo Dimech u l-iskrizzjoni hija ta' l-Abbati Brighella. Hija ġiet imqiegħda hemm biex tfakkar lil dawk li jarawha li f'din il-bajja ġara n-Nawfraġju provvidenzjali ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

---

Ftit estratti minn dak li jgħidu l-istoriċi u minn dokumenti oħra li jikkonfermaw li l-Grotta u l-Knisja ta' San Pawl, ir-Rabat, hija verament dik il-Knisja li ġiet iffundata minn San Pawl stess fis-sena A.D. 60, u għalhekk tissejjaħ il-Knisja MATRIĊI U PROTO-PARROKKJALI TA' MALTA, li minnha ħarġu l-Knejjes u l-Parroċċi kollha, u għalhekk bir-raġun kollu f'din is-sena 1960, flimkien mat-tifkira tan-Nawfraġju, qed jiġi mfakkar ukoll id-DSATAX-IL ĊENTINARJU ta' din l-EWWEL KNISJA, L-EWWEL KATTIDRAL U L-EWWEL PARROĊĊA, tal-Gżira tagħna:—

— *Dr. M.A. Haxach.* — *"Relazione della nuova e grandissima devozione" Malta*, 1623. "Per non lasciar Paolo quest'Isola gia convertita alla fede senza alcun luogo o chiesa sacrata, fermamente creder si dee, che la santa Grotta consacrato avesse."

* * *

